KONKLUŻJONIJIET
SHARPSTON
ippreżentati fit-13 ta' Settembru 2018 [1]

Kawża C-225/17 P

Islamic Republic of Iran Shipping Lines
Hafize Darya Shipping Lines (HDSL)
Khazar Sea Shipping Lines Co.
IRISL Europe GmbH
IRISL Marine Services and Engineering Co.
Irano Misr Shipping Co.
Safiran Payam Darya Shipping Lines
Shipping Computer Services Co.
Soroush Sarzamin Asatir Ship Management
South Way Shipping Agency Co. Ltd
Valfajr 8th Shipping Line Co.
vs

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

(Appell – Miżuri restrittivi meħuda kontra l-Iran – Kriterji għall-inklużjoni f'lista ta' persuni u entitajiet suġġetti għall-iffriżar tal-assi – Eċċezzjoni ta' illegalità – Ammissibbiltà – Il-pjan ta' azzjoni globali komuni – Effett fuq l-interess ġuridiku fil-kuntest tal-appell – Bażi legali – Aspettattivi leġittimi – Ċertezza legali – *Ne bis in idem* – Awtorità ta' *res judicata* – Dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv – Abbuż ta' poter – Drittijiet tad-difiża – Proporzjonalità – Drittijiet fundamentali – Żball manifest ta' evalwazzjoni)

1. Ir-Repubblika Iżlamika tal-Iran ("l-Iran") hija involuta f'programm ta' attivitajiet nukleari sensittivi b'riskju ta' proliferazzjoni u ta' sistemi li jwasslu l-armi nukleari ("programm ta' proliferazzjoni nukleari"). In-Nazzjonijiet Uniti u l-Unjoni Ewropea fittxew diversi modi biex jirrispondu għat-theddida li dan it-tip ta' programm ħoloq u qiegħed ikompli joħloq.

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2. Permezz ta' dan l-appell, l-appellanti [2] jitolbu l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Frar 2017 Islamic Republic of Iran Shipping Lines *et* vs Il-Kunsill [3], sa fejn dik il-Qorti ċaħdet bħala infondati, l-ewwel, l-azzjonijiet tagħhom għall-annullament, skont l-Artikolu 263 TFUE, ta' żewġ miżuri li permezz tagħhom l-ismijiet tagħhom ġew inklużi fil-listi ta' persuni u entitajiet li l-assi tagħhom huma suġġetti għall-iffriżar fil-kuntest ta' miżuri restrittivi kontra l-Iran [4], u t-tieni, l-eċċezzjonijiet ta' illegalità invokati minn dawk l-entitajiet, skont l-Artikolu 277 TFUE, kontra żewġ miżuri li jistabbilixxu l-kriterji ġenerali għall-inklużjoni ta' individwu f'dawk il-listi. [5]

3. It-talbiet imressqa mill-appellanti jqajmu mistoqsijiet istituzzjonali u kostituzzjonali importanti. B'mod partikolari, x'diskrezzjoni jgawdi l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' miżuri restrittivi kontra persuni u entitajiet meta jiddeċiedi, wara li l-miżuri li jkun inizjalment adotta illegalment jiġu annullati, biex jaddatta l-kriterji biex jiġu applikati dawn il-miżuri jew li jġiegħel lill-istess entità tkun suġġetta għalihom? Sa liema punt jillimitaw dik id-diskrezzjoni l-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-UE u tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali?

Dritt internazzjonali

Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti

4. Il-proliferazzjoni nukleari hi bla dubju waħda mill-iktar theddid perikolużi għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali fis-seklu 21. Mill-bidu ta' dan il-millenju, l-Iran jidher li fittex biex jiżviluppa programm ta' proliferazzjoni nukleari bi ksur ta' obbligazzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari tat-Trattat fuq in-Non-Proliferazzjoni tal-Armi Nukleari tal-1968.

5. Fit-23 ta' Diċembru 2006, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ('il-Kunsill tas-Sigurtà') adotta r-Riżoluzzjoni 1737 (2006) fejn esprima tħassib serju fir-rigward tal-programm ta' proliferazzjoni nukleari żviluppat mill-Iran u fittex li jagħmel pressjoni fuq dan l-Istat biex 'jirrestrinġi' l-programm u biex 'jissospendi' whud mill-komponenti tiegħu bil-għan li tinżamm il-paċi u s-sigurtà internazzjonali. [6]

6. Għal dak l-għan, il-Kunsill tas-Sigurtà stqarr fil-paragrafu 12 ta' dik ir-riżoluzzjoni li l-Istati kollha għandhom jiffriżaw il-fondi, assi finanzjarji oħra u riżorsi ekonomiċi li huma proprjetà ta' jew ikkontrollati minn persuni jew entitajiet indikati li joperaw, huma direttament assoċjati ma' jew jipprovdu appoġġ lill-programm ta' proliferazzjoni tal-Iran. Dak l-iffriżar tal-assi għandu jaffettwa wkoll lill-persuni jew entitajiet li jaġixxu f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, kif ukoll dawk l-entitajiet proprjetà tagħhom jew kontrollati minnhom, inkluż permezz ta' mezzi illeċiti.

2 Il-appellanti huma l-Islamic Republic of Iran Shipping Lines ("IRISL") u 10 entitajiet oħra ("l-10 kumpanniji"). Bl-eċċezzjoni ta' IRISL Europe GmbH, li hi kumpannija Ġermaniża, huma kollha kumpanniji Iranjani. Kollha joperaw fis-settur marittimu. L-ismijiet tagħhom jidhru fil-paġna introduttorja ta' dawn il-konklużjonijiet u minix se nerġa nirreproduċihom hawnhekk. Se nirreferi għal IRISL u l-10 kumpanniji flimkien bħala l-appellanti.

3 Sentenza tas-17 ta' Frar 2017, T-14/14 u T-87/14, EU:T:2017:102 ("is-sentenza appellata").

4 Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/685/PESK tas-26 ta' Novembru 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK rigward l-miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU 2013 L 316, p. 46) u Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1203/2013 tas-26 ta' Novembru 2013 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 rigward l-miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU 2013 L 316, p. 1). Se nirreferi għal dawk il-miżuri kollettivament bħala 'l-elenkar mill-ġdid tal-2013'.

5 Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/497/PESK tal-10 ta' Ottubru 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK rigward il-miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU 2013 L 272, p. 46) u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 971/2013 tal-10 ta' Ottubru 2013 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 267/2012 rigward miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU 2013 L 272, p. 1). Se nirreferi għal dawk il-miżuri kollettivament bħala 'l-kriterji tal-2013').

6 Ara t-tmien premessa u l-paragrafu 2. Għal ħarsa ħafifa tad-dritt internazzjonali li japplika fil-kuntest tal-proliferazzjoni nukleari, ara s-sentenza tat-28 ta' Novembru 2013, Il-Kunsill vs Manufacturing Support & Procurement Kala Naft, C-348/12 P, EU:C:2013:776 ('Kala Naft'), punt 2 *et seq*.

7. Fl-24 ta' Marzu 2007, il-Kunsill tas-Sigurtà adotta Riżoluzzjoni 1747 (2007). Il-paragrafu 5 ta' dik ir-riżoluzzjoni jipprovdi li "l-Iran ma jistax jissuplixxi, ibigħ jew jittrasferixxi direttament jew indirettament mit-territorju tiegħu jew permezz taċ-ċittadini tiegħu jew bl-użu ta' bastimenti jew ajruplani li jtajru l-bandiera tiegħu ebda arma jew materjal relatat, u li l-Istati kollha għandhom jipprekludu l-akkwist ta' dawn l-oġġetti mill-Iran miċ-ċittadini tagħhom, jew bl-użu ta' bastimenti jew ajruplani li jtajru l-bandiera tagħhom, kemm jekk dawn l-oġġetti jkunu joriġinaw mit-territorju Iranjan jew le" ("l-embargo tal-armi").

8. Fit-3 ta' Marzu 2008, il-Kunsill tas-Sigurtà adotta Riżoluzzjoni 1803 (2008). Il-paragrafu 11 sejjaħ sabiex l-Istati kollha "jispezzjonaw merkanzija minn u lejn l-Iran, ta' ajruplani u bastimenti […] proprjetà ta' jew operati minn Iran Air Cargo u [IRISL], sakemm jeżistu raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li l-ajruplan jew bastiment ikun qiegħed jittrasporta merkanzija pprojbita taħt din ir-riżoluzzjoni jew riżoluzzjoni 1737 (2006) jew riżoluzzjoni 1747 (2007)".

9. Permezz tar-Riżoluzzjoni 1929 (2010) tad-9 ta' Ġunju 2010, il-Kunsill tas-Sigurtà introduċa serje ta' miżuri addizzjonali fir-rigward ta' IRISL. B'mod partikolari, il-paragrafi 14 sa 22 ta' dik ir-riżoluzzjoni estendew il-miżuri tal-iffriżar tal-assi speċifikati fir-Riżoluzzjoni 1737 (2006) għal "entitajiet ta' [IRISL] kif speċifikat fl-Anness III u għal kwalunkwe persuna jew entità li jaġixxu f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, inkluż permezz ta' mezzi illeċiti, jew determinati mill-Kunsill jew mill-Kumitat [tas-Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti] li jkunu assistewhom biex jevadu s-sanzjonijiet ta', jew bi vjolazzjoni tad-diżpożizzjonijiet tar-riżoluzzjonijiet [tagħha]".[7]

10. Ħadd mill-appellanti ma kien suġġett għal xi miżuri ta' ffriżar tal-assi adottati mill-Kunsill tas-Sigurtà.

11. Fl-14 ta' Lulju 2015, rappreżentanti tal-komunità internazzjonali laħqu ftehim mal-Iran rigward is-soluzzjoni fit-tul għall-programm ta' proliferazzjoni nukleari (il-Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt, "PAKK"). Wieħed mill-elementi tal-PAKK kien eżenzjoni mis-sanzjonijiet internazzjonali imposti fuq l-Iran. Fl-20 ta' Lulju 2015, il-Kunsill tas-Sigurtà approva l-PAKK permezz tar-Riżoluzzjoni 2231 (2015).

12. Kull waħda mir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet ġiet implimentata mill-Unjoni Ewropea permezz tad-dritt sekondarju.

Dritt tal-Unjoni Ewropea

13. Fis-17 ta' Ġunju 2010, biex ikun konformi mar-Riżoluzzjoni 1929 (2010), il-Kunsill Ewropew adotta d-"Dikjarazzjoni fuq l-Iran".[8] Il-paragrafu 4 stieden lill-Kunsill biex jadotta miżuri li jimplimentaw dawk li jinsabu f'dik ir-riżoluzzjoni kif ukoll miżuri ta' akkumpanjament, bil-ħsieb li jappoġġjaw r-riżoluzzjoni tal-ħsibijiet pendenti rigward il-programm ta' proliferazzjoni nukleari tal-Iran permezz ta' negozjati. Dawk il-miżuri kellhom ikunu ffukati fuq diversi setturi ewlenin għall-ekonomija Iranjana, inkluż "is-settur tat-trasport Iranjan, b'mod partikolari IRISL u s-sussidjarji tagħha".[9]

7 Il-Kunsill tas-Sigurà awtorizza wkoll lill-Istati biex jaħtfu u jiddispondu minn affarijiet ipprojbiti taħt reżoluzzjonijiet preċedenti; ipprojbixxa l-forniment ta' servizzi ta' bunkering lil bastimenti propjetà ta' jew imqabbda mill-Iran; talab Stati biex jikkomunikaw kwalunkwe informazzjoni disponibbli fuq trasferimenti jew attività ta' IRISL li jistgħu jseħħu biex jevadu r-reżoluzzjonijiet tagħha; u stipulat li l-Istati kellhom jitolbu ċ-ċittadini tagħhom biex joqogħdu attenti meta jagħmlu negozju b'mod partikolari ma' IRISL u entitajiet relatati.

8 Anness II tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' dak iż-żmien (dokument numru EUCO 3/10).

9 Enfasi miżjuda.

Inklużjoni inizjali tal-appellanti fl-2010

14. Permezz tad-Deċiżjoni 2010/413/PESK tas-26 ta' Lulju 2010 rigward il-miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK (ĠU 2010 L 195, p. 39), il-Kunsill aġixxa fuq dik id-dikjarazzjoni u adotta miżuri restrittivi addizzjonali. L-Artikolu 20(1)(b) ippreveda obbligu biex jiġu ffriżati l-assi ta' entitajiet "direttament assoċjati ma', jew li jipprovdu appoġġ lill-[program] ta' proliferazzjoni tal-Iran", "entitajiet li assistew persuni jew entitajiet indikati biex jevadu jew jiksru d-dispożizzjonijiet tar-[Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà] … 1737 (2006), … 1747 (2007), … 1803 (2008) and … 1929 (2010)" u "entitajiet ta' […] IRISL u entitajiet proprjetà tagħhom jew kontrollati minnhom jew li jaġixxu f'isimhom", kif speċifikat f'Anness II. L-ismijiet tal-appellanti kienu għalhekk imdaħħla fil-lista f'Anness II.

15. L-inklużjoni ta' isem IRISL f'Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413 kienet ibbażata fuq dawn il-motivi li ġejjin: "IRISL kienet involuta fi vjaġġi fuq il-baħar ta' merkanzija relatata mal-militar, inkluż merkanzija pprojbita mill-Iran. Tlieta minn dawn l-inċidenti kienu jinvolvu ksur ċar li kienu rrappurtati lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Iran tal-Kunsill tas-Sigurtà. Il-konnessjoni ta' IRISL mal-proliferazzjoni kienet tali li [l-Kunsill tas-Sigurtà] appella biex l-Istati jwettqu spezzjonijiet fuq il-bastimenti ta' IRISL, dejjem jekk ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li l-bastiment ikun qiegħed jittrasporta merkanzija pprojbita, [fir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà] 1803 u 1929". L-appellanti l-oħra ġew inklużi fil-lista għax kienu kumpanniji li kienu proprjetà ta' jew ikkontrollati minn IRISL jew jaġixxu f'isimha.

16. Fl-istess ġurnata, sabiex timplimenta *erga omnes* dik id-deċiżjoni, il-Kunsill adotta r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 668/2010 tas-26 ta' Lulju 2010 li jeżegwixxi Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 423/2007 (ĠU 2010 L 195, p. 25) li permezz tiegħu l-ismijiet tal-appellanti ġew inklużi fil-lista f'Anness V tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 423/2007 tad-19 ta' April 2007 rigward il-miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU 2007 L 103, p. 1) (l-"inklużjonijiet tal-2010"). L-assi tal-appellanti kienu għalhekk effettivament ffriżati mis-26 ta' Lulju 2010. Ir-raġunijiet għall-inklużjonijiet indikati mill-Kunsill kienu essenzjalment l-istess bħal dawk iddikjarati għall-inklużjoni tal-appellanti fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413.

L-ewwel proċedura mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali

17. Permezz ta' att ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali fit-8 ta' Ottubru 2010, l-appellanti[10] ppreżentaw rikors għall-annullament tad-deċiżjoni tal-inklużjoni ta' isimhom fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413 u fl-Anness V tar-Regolament Nru 423/2007.

18. Permezz tas-sentenza tas-16 ta' Settembru 2013, Islamic Republic of Iran Shipping Lines *et* vs Il-Kunsill,[11] il-Qorti Ġenerali annullat l-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413 u miżuri relatati sa fejn dawn kien jikkonċernaw lill-applikanti f'dak il-każ għal tliet raġunijiet prinċipali. L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali qieset illi l-Kunsill ma kienx esprima sal-istandard legali neċessarju r-raġunijiet għall-affermazzjoni tiegħu li IRISL kienet, permezz tal-azzjonijiet li kienet akkużata bihom, assistiet persuna, entità jew korp li kien inkluż fil-lista biex jikser id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-UE inkwistjoni u r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà, kif imsemmi f'Artikolu 20(1)(b) tad-Deċiżjoni 2010/413. It-tieni nett, il-Kunsill ma kienx stabbilixxa illi, billi kienet ittrasportat – fi tliet okkażjonijiet – materjal militari bi ksur tal-projbizzjoni stabbilita f'paragrafu 5 tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà 1747 (2007), IRISL kienet ipprovdiet għajnuna għall-proliferazzjoni nukleari fil-kuntest ta' Artikolu 20(1)(b) tad-Deċiżjoni 2010/413 u Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 423/2007.

10 Għamlu dan flimkien mas-6 appellanti l-oħra li ma humiex parti tal-proċeduri fil-każ preżenti u li l-ismijiet tagħhom għalhekk minix se nsemmi hawnhekk.

11 Sentenza tas-16 ta' Settembru 2013, Islamic Republic of Iran Shipping Lines *et* vs Il-Kunsill fil-Kawża T-489/10, EU:T:2013:453 (is-"sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-2013").

It-tielet nett, anki jekk ir-rikorrenti l-oħra li mhux IRISL kienu nfatti proprjetà ta' jew kontrollati minn IRISL jew aġixxew f'isimha, dak ma kienx jiġġustifika l-adozzjoni u l-manteniment tal-miżuri restrittivi, peress illi IRISL ma kinitx ġiet identifikata suffiċjentement li qiegħda tipprovdi għajnuna għall-proliferazzjoni nukleari.

19. Il-Qorti Ġenerali żammett fis-seħħ l-effetti tal-miżuri annullati sakemm skada l-perjodu biex jitressaq appell mis-sentenza, jiġifieri sas-26 ta' Novembru 2013.

Emenda tal-kriterji elenkati fl-2013

20. Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/497/PESK tal-10 ta' Ottubru 2013 li emendat id-Deċiżjoni 2010/413 (ĠU 2013 L 272, p. 46), il-Kunsill estenda l-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tal-miżuri tal-iffriżar tal-assi kif previst fl-Artikolu 20(1)(b) tad-Deċiżjoni 2010/413 biż-żieda ta' kriterji ġodda. Dawk il-kriterji estendew l-iskop biex jinkludi "persuni u entitajiet li evadew jew kisru d-dispożizzjonijiet [tar-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà] 1737 (2006),... 1747 (2007),... 1803 (2008) u... 1929 (2010) jew ta' din id-deċiżjoni" u "persuni u entitajiet li jipprovdu assigurazzjoni jew servizzi oħra essenzjali lil … IRISL, jew lil entitajiet proprjetà ta' jew kontrollati [minnha] jew jaġixxu [f'isimha]".

21. Sabiex jimplementa dawn il-bidliet, il-Kunsill, permezz tar-Regolament (UE) Nru 971/2013 tal-10 ta' Ottubru 2013 emenda Regolament Nru 267/2012 (ĠU 2013 L 272, p. 1),[12] emenda l-Artikolu 23(2)(b) u (e) ta' dan l-att tal-aħħar. Wara dik l-emenda, dik id-dispożizzjoni pprovdiet għall-inklużjoni f'Anness IX u għall-iffriżar tal-assi ta' persuni, entitajiet u korpi li kienu rikonoxxuti bħala:

"(b) persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li evada jew kiser, jew assista persuna, entità jew korp elenkat biex jevadi jew jisker, il-provvedimenti ta' dan ir-Regolament, Deċiżjoni tal-Kunsill [2010/413] jew [Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà] 1737 (2006),... 1747 (2007),... 1803 (2008) u... 1929 (2010);

…

(e) persuna ġuridika, entità jew korp proprjetà ta' jew kontrollata minn [IRISL], jew persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxi f'isimha, jew persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jipprovdi assigurazzjoni jew servizzi oħra essenzjali lil IRISL, jew lil entitajiet proprjetà ta' jew kontrollati minnha jew jaġixxu."

L-inklużjoni mill-ġdid tal-appellanti fl-2013

22. Permezz ta' ittra datata 22 ta' Ottubru 2013, il-Kunsill informa lil IRISL li qies li IRISL kienet involuta fi vjaġġi bil-baħar ta' materjal relatat mal-armi mill-Iran, bi ksur tal-paragrafu 5 tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà 1747 (2007), u li għalhekk laħqet il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 20(1)(b) tad-Deċiżjoni 2010/413 u fl-Artikolu 23(2)(b) tar-Regolament Nru 267/2012 rigward persuni u entitajiet li evadew jew kisru ċertu riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà ('kriterju tal-vjolazzjoni tar-riżoluzzjonijiet'). Il-Kunsill għalhekk informa lil IRISL li bl-intenzjoni tiegħu li jerġa' jinkludi lill-ISIRL fil-listi ta' persuni u entitajiet suġġetti għal miżuri restrittivi f'Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413 u Anness IX tar-Regolament Nru 267/2012 ("il-listi inkwistjoni").

12 Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 tat-23 ta' Marzu 2012 rigward miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU 2012 L 88, p. 1) li ssostitwixxa r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 961/2010 tal-25 ta' Ottubru 2010 rigward miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU 2010 L 281, p. 1), li nnifsu ssostitwixxa r-Regolament Nru 423/2007.

23. Permezz ta' ittri datati t-22 jew it-30 ta' Ottubru 2013, il-Kunsill informa lil kull waħda mill-10 kumpanniji li, għal raġunijiet varji, ikkunsidra li huma wkoll laħqu l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 20(1)(b) tad-Deċiżjoni 2010/413 u fl-Artikolu 23(2)(e) tar-Regolament Nru 267/2012 (il-"kriterju relatat ma' IRISL"). Għalhekk informa lil dawk l-10 kumpanniji li kellu l-intenzjoni li jinkludi isimhom fil-listi inkwistjoni.

24. Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/685/PESK tas-26 ta' Novembru 2013 li emendat id-Deċiżjoni 2010/413 (ĠU 2013 L 316, p. 46), l-ismijiet tal-appellanti ġew mill-ġdid inklużi fil-lista tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413.

25. Konsegwentement, permezz tar-Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1203/2013 tas-26 ta' Novembru 2013 li jimplimenta r-Regolament Nru 267/2012 (ĠU 2013 L 316, p. 1), l-ismijiet tal-appellanti ġew mill-ġdid inklużi fil-lista ta' Anness IX tar-Regolament Nru 267/2012.

26. L-inklużjoni mill-ġdid ta' isem IRISL fl-2013 kienet ibbażata fuq dawn ir-raġunijiet: "IRISL kienet involuta fit-trasbord ta' materjal relatat mal-armi mill-Iran bi ksur tal-paragrafu 5 tar-Riżoluzzjoni tal-KSNU 1747(2007). Tliet każijiet ta' ksur ċar kienu rrappurtati lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Iran tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fl-2009."

27. L-inklużjoni tal-ismijiet tal-10 kumpanniji fuq il-listi inkwistjoni kienet ibbażata fuq dawn ir-raġunijiet:

– Hafize Darya Shipping Co., Safiran Payam Darya Shipping Co. u Hoopad Darya Shipping Agency kienu mniżżla fuq il-bażi li kienu "qegħdin jaġixxu f'isem IRISL";

– Khazar Sea Shipping Lines Co., IRISL Europe u Valfajr Shipping Line Co. kienu mniżżla fuq il-bażi li kienu "proprjetà ta' IRISL";

– Qeshm Marine Services & Engineering Co. u Marine Information Technology Development Co. kienu mniżżla fuq il-bażi li kienu "kkontrollati minn IRISL";

– Irano Misr Shipping Co. kienet imniżżla fuq il-bażi li "tipprovdi servizzi essenzjali lil IRISL"; u

– Rahbaran Omid Darya Ship Management Co. kienet mniżżla fuq il-bażi li "aġixxiet f'isem IRISL" kif ukoll "pprovditiha servizzi essenzjali'.

It-tieni proċedura mressqa quddiem il-Kunsill Ġenerali

28. Permezz ta' atti ppreżentati lir-Reġistru tal-Kunsill Ġenerali fis-6 ta' Jannar u s-7 ta' Frar 2014, l-appellanti ppreżentaw rikorsi għal annullament kontra l-istrumenti li jaffettwaw dik l-inklużjoni mill-ġdid (Kawżi Magħquda T-14/14 u T-87/14). Il-partijiet attendew sottomissjonijiet orali fit-12 ta' Lulju 2016.

29. Permezz ta' sentenza tas-17 ta' Frar 2017, il-Qorti Ġenerali ċaħdet bħala infondati r-rikorsi għal annullament tal-inkużjoni inklużjonimill-ġdid tal-2013 kif ukoll l-eċċezzjoni ta' illegalità diretta kontra l-kriterji tal-2013 u kkundannat lill-appellanti għal-ispejjeż.[13]

13 Il-Qorti Ġenerali ċaħdet bħala inammissibbli ir-rikorsi għall-annullament tal-kriterji tal-2013. L-appell ma jikkontestax is-sentenza appellata f'dak ir-rigward.

Miżuri li jimplimentaw il-PAKK

30. Fil-frattemp, biex tiġi implimentata r-Riżoluzzjoni 2231 (2015) il-Kunsill adotta serje ta' miżuri ("il-miżuri li jimplimentaw il-PAKK") fit-18 ta' Ottubru 2015, li l-effett kombinat tagħhom hu, b'mod partikolari, li jissospendi l-miżuri restrittivi li japplikaw għal individwi u entitajiet kif elenkati fl-Anness VI (preċedentement, l-Anness II) tad-Deċiżjoni 2010/413 kif emendata u, għaldaqstant, biex tħassar l-ismijiet tagħhom mil-lista ta' persuni u entitajiet suġġetti għal miżuri restrittivi elenkati fl-Anness IX tar-Regolament 267/2012.[14] Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/37 tas-16 ta' Jannar 2016 li tikkonċerna d-data ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2015/1863 (ĠU 2016 L 11, p. 1), dawk il-miżuri daħlu fis-seħħ sa minn dik l-istess data.

L-appell

31. Permezz ta' appell tagħhom ippreżentat fis-27 ta' April 2017, l-appellanti talbu lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tannulla s-sentenza appellata, tannulla l-inklużjoniinklużjoni mill-ġdid tal-2013 skont l-Artikolu 263(4) TFUE, tiddikjara l-kriterji tal-2013 inapplikabbli għall-każ tagħhom bis-saħħa ta' Artikolu 277 TFUE u tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

32. Insostenn tal-appell tagħhom, l-appellanti jinvokaw disa' motivi għall-appell. Ser neżaminahom waħda wara l-oħra. Qabel nagħmel dan, ser nittratta kwistjoni preliminari.

Ammissibbiltà tal-appell

Eċċezzjoni ta' ammissibbiltà mressqa mill-Kunsill

33. Il-Kunsill isostni essenzjalment illi minħabba li l-miżuri restrittivi inkwistjoni ġew sospiżi u minħabba illi l-listi tal-persuni suġġetti għalihom ġew mħassra mill-Kunsill biex jimplimenta l-PAKK,[15] l-appellanti ma għandhom l-ebda interess ġuridiku li jkomplu l-appell. Għalhekk isegwi li l-appell hu inammissibbli.

34. Minix konvint minn dawk l-argumenti.

35. Huwa stabbilit li l-PAKK irriżulta, fil-livell tal-UE, f'impenn biex "jitneħħew … is-sanzjonijiet kollha"[16] u "miżuri restrittivi ekonomiċi u finanzjarji … kollha"[17] u biex "tiġi terminata l-implimentazzjoni … tas-sanzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji … kollha b'rabta nukleari".[18] Il-miżuri adottati mill-Kunsill għall-implimentazzjoni tal-PAKK issospendew il-miżuri restrittivi applikabbli għal individwi u entitajiet stabbiliti fl-Anness VI (preċedentement, l-Anness II) tad-Deċiżjoni 2010/413/PESK u ħassru l-ismijiet ta' dawk l-individwi u entitajiet mil-lista ta' persuni u entitajiet suġġetti għal miżuri restrittivi elenkati fl-Anness IX tar-Regolament (UE) Nru 267/2012.

14 Ara Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1861 tat-18 ta' Ottubru 2015 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 267/2012 rigward miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU 2015 L 274, p. 1), punti 105, 125, 128, 129, 142, 155, 239, 251, 264, 265 u 290 fil-Parti II tal-Anness għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1862 li jimplimenta Regolament (UE) Nru 267/2012 rigward miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU 2015 L 274, p. 161) u Artikolu 1(16) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1863 tat-18 ta' Ottubru 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK rigward miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU 2015 L 274, p. 174).

15 Ara punti 11 u 30 iktar 'il fuq.

16 Premessa 9 tad-Deċiżjoni 2015/1863.

17 Premessi 5 u 6 tar-Regolament 2015/1861.

18 Premessa 14 tad-Deċiżjoni 2015/1863.

36. Huwa ċar ukoll illi, jekk il-Kunsill jiddeċiedi f'xi punt fil-futur li jirtira s-sospensjoni u li jerġa' jinkludi lill-appellanti fil-lista sabiex jerġa' jimponi dawk il-miżuri (jew simili), ikun irid jemenda dawk l-atti mill-ġdid kif meħtieġ. L-appellanti ovvjament ikollhom id-dritt li jikkontestaw dawk l-atti, bħalma jagħmlu u għamlu f'dan il-każ.

37. Il-miżuri li jimplimentaw il-PAKK daħlu fis-seħħ sa mis-16 ta' Jannar 2016 b'effett *ex nunc*. Għaldaqstant, ma ħassrux mill-ordinament ġuridiku l-effetti prodotti mill-kriterji tal-2013 u mill-inklużjoni mill-ġdid tal-ismijiet fit-2013 bejn id-dati rispettivi tad-dħul fis-seħħ tagħhom u l-15 ta' Jannar 2016. L-effetti sospensivi tal-miżuri li jimplimentaw il-PAKK għalhekk ma humiex ekwivalenti għal dawk ta' annullament mill-Qorti tal-Ġustuzzja jew mill-Qorti Ġenerali, jew għal kwalunkwe dikjarazzjoni ta' invalidità li tapplika *ex tunc*.

38. Fl-Opinjoni reċenti tiegħi fil-Kawża Gul Ahmed Textile Mills vs Il-Kunsill,[19] eżaminajt fid-dettall il-kwistjoni tal-interess ġuridiku kontinwu. Argumentajt kontra l-impożizzjoni ta' rekwiżiti eċċessivi biex jiġi stabbilit dak l-interess u kkonkludejt li l-kwistjoni tal-interess ġuridiku hi ta' importanza kostituzzjonali u għandha titpoġġa f'kuntest iktar wiesgħa tad-dritt ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, kif stabbilit f'Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.[20] Dawk il-konklużjonijiet jistgħu jiġu trasposti fil-kuntest preżenti.[21]

39. Skont ġurisprudenza stabbilita anki jekk att ikkontestat ma għandux iktar effett għall-futur, ir-rikorrent jibqa' jkollu interess jekk l-annullament ta' dak l-att jista' jkun ta' benefiċċju għalih.[22]

40. B'differenza mill-Bank Mellat vs Il-Kunsill,[23] il-miżuri tal-iffriżar tal-assi inkwistjoni fil-kawża odjerna kienu kapaċi jaffettwaw mhux biss is-sitwazzjoni legali imma anki s-sitwazzjoni fattwali tal-appellanti matul il-perjodu ta' qabel is-sospensjoni jew ir-revoka. Għalhekk, bħala prinċipju, l-annullament mitlub jista' jġib lill-appellanti benefiċċju fattwali jew legali.

41. L-appellanti jinvokaw żewġ motivi sabiex jiġġustifikaw l-interess tagħhom. Dawn huma l-interess li jirrisanaw ir-reputazzjoni tagħhom u biex iressqu azzjoni għad-danni. Ser nanalizza dawn waħda wara l-oħra.

42. L-ewwel nett, il-Qorti rrikonoxxiet li rikorrent li jkun qiegħed jitlob l-annullament ta' regolament li jimponi miżuri restrittivi jista' tal-inqas ikollu interess morali li jressaq proċeduri, fuq il-bażi li annullament potenzjali jista' jtaffi, jekk mhux ineħħi kompletament, it-telf tar-reputazzjoni subit.[24]

19 C-100/17 P, EU:C:2018:214, punti 25 sa 49.

20 ĠU 2010 C 83, p. 389 ("il-Karta"). Ara punti 42 u 45 tal-konklużjonijiet tiegħi.

21 Il-kriterji għall-evalwazzjoni tal-interess ġuridiku bħala kundizzjoni tal-ammissibbiltà ta' azzjoni meta tiġi introdotta ma għandux jkun differenti mit-test ta' jekk l-interess ġuridiku jibqax jippersisti. F'dak ir-rigward, naqbel mal-opinjoni espressa mill-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-konklużjonijiet tiegħu f'Bank Mellat vs Il-Kunsill, C-430/16 P, EU:C:2018:345, punt 28.

22 F'dak il-każ, il-Qorti trid tqis l-interess ġuridiku tal-appellant fid-dawl taċ-ċirkustanzi speċifiċi, fid-dawl b'mod partikolari tal-allegata illegalità u tan-natura tad-danni allegatament subiti. Ara s-sentenza tat-23 ta' Diċembru 2015, Parlament vs Il-Kunsill, C-595/14, EU:C:2015:847, punt 18 u l-ġurisprudenza ċċitata.

23 Wara l-annullament tal-miżuri tal-iffriżar tal-assi individwali f'dak il-każ, l-appellant kkontesta l-miżuri ġeneralment applikabbli għal istituzzjonijiet finanzjarji. L-Avukat Ġenerali Mengozzi osserva li ż-żewġ settijiet ta' miżuri applikaw għall-appellant simultanjament u li dawk ta' qabel (il-miżuri individwali) kellhom effetti kbar fuq is-sitwazzjoni tagħhom. Hu għalhekk ikkonkluda li ma kellhom l-ebda interess fl-annullament tal-miżuri ġenerali inqas iebsa, li l-effett tagħhom fil-prattika ma kienx jibdel il-pożizzjoni tagħhom. Fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Settembru 2018 (EU:C:2018:668), il-Qorti tal-Ġustizzja qablet ma' dik l-evalwazzjoni: ara l-punti 61 u 62

24 Ara, b'analoġija, is-sentenza tat-28 ta' Mejju 2013, Abdulrahim vs Il-Kunsill u l-Kummissjoni, C-239/12 P, EU:C:2013:331, punti 70 sa 72.

43. B'mod differenti minn f'Bank Mellat vs il-Kunsill,[25] il-miżuri inkwistjoni fil-kawża odjerna huma individwali u mhux settorjali fin-natura tagħhom. Bħala tali, jistgħu b'mod plawżibbli jitqiesu li jagħmlu lill-appellanti suġġetti għal diżunur bl-istess mod li juru r-rabta li l-komunità internazzjonali tagħmel bejn dawk is-sitwazzjonijiet fattwali differenti u l-programm ta' proliferazzjoni nukleari tal-Iran. Barra minn hekk, jekk jiġu ffriżati parti mill-assi tal-appellanti, il-miżuri restrittivi inkwistjoni probabbli affettwaw ukoll il-likwidità finanzjarja tagħhom u għalhekk il-kapaċità tagħhom li jirrispettaw l-impenji kuntrattwali preċedenti tagħhom.

44. It-tieni nett, skont ġurisprudenza stabbilita rikorrent jista' jżomm interess li jitlob l-annullament ta' att li jaffettwah b'mod negattiv sakemm is-sejba ta' illegalità tista' sservi bħala bażi ta' azzjoni futura għad-danni kkawżati lilu mill-att ikkontestat.[26]

45. Għalhekk, ma nistax naqbel mal-argument tal-Kunsill li peress li s-sentenza appellata ċaħdet it-talbiet tal-appellanti fl-ewwel istanza, huwa impossibli għalihom li juru li kien hemm ksur suffiċjentement serju mill-Kunsill ta' regola tad-dritt tal-UE li hi intiża li tagħti drittijiet lill-individwi.[27]

46. Dik is-sentenza ma hijiex definittiva peress illi hi suġġetta għall-appell pendenti. Sakemm dak l-appell jiġi deċiż minn din il-Qorti, ma tista' tinħareġ l-ebda konklużjoni rigward l-eżistenza ta' ksur serju tad-dritt tal-UE, jew in-nuqqas ta' dan, mis-sentenza appellata.

47. Minħabba li hemm rabta ġuridika mill-qrib bejn il-kriterji tal-2013 u l-inklużjoni mill-ġdid tal-2013,[28] l-analiżi li għadni kif wettaqt hija valida fir-rigward taż-żewġ motivi mressqa fl-appell preżenti. Ma nista' nara l-ebda raġuni valida għaliex l-interess ġuridiku għall-ftuħ ta' proċeduri kontra l-kriterji inklużjoni ġeneralment applikabbli għall-inklużjoni għandu jiġi evalwat b'mod differenti mill-interess għall-kontestazzjoni tal-miżuri individwali tal-iffriżar tal-assi.

48. Nikkonkludi li d-dħul fis-seħħ, fis-16 ta' Jannar 2016, tal-miżuri li jimplimentaw il-PAKK ma jimminax l-interess ġuridiku kontinwu tal-appellanti kemm biex isegwu l-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali sad-data tas-sentenza appellata,[29] jew li jressqu dan l-appell.

Eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mressqa mill-Kummissjoni

49. Il-Kummissjoni titlob li l-appell hu inammissibbli, peress illi fil-biċċa l-kbira jirrepeti l-motivi u argumenti li diġà bbażaw fuqhom l-appellanti quddiem il-Qorti Ġenerali. Għalhekk tammonta għal sempliċi talba biex jerġa' jiġi eżaminat ir-rikors.

50. Kif il-Qorti qieset ripetutament, appell għandu jindika preċiżament l-elementi kontestati tas-sentenza li l-appellanti jkunu qegħdin jitolbu li tiġi annullata, kif ukoll l-argumenti legali li jsostnu speċifikament it-talba, u fin-nuqqas ta' dan, l-appell jew motiv inkwistjoni jitqiesu inammissibbli. Appell li ma jkunx jinkludi argumenti intiżi biex jidentifikaw speċifikament l-iżball ta' liġi li allegatament jivvizzja s-sentenza inkwistjoni ma jissodisfax dak ir-rekwiżit. Sempliċi dikjarazzjoni astratta tal-motivi fl-appell ma tissodisfax ir-rekwiżiti indikati f'Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti u f'Artikolu 168(1)(d) tar-Regoli ta' Proċedura tagħha.[30]

25 Ara s-sentenza tas-6 ta' Settembru 2018 fil-Kawża C-430/16 P, EU:C:2018:668, punti 54 sa 59.

26 Ara s-sentenza tal-31 ta' Marzu 1998, Franza *et* vs Il-Kummissjoni, C-68/94 u C-30/95, EU:C:1998:148, punt 74;.

27 Ara, f'dak ir-rigward, is-sentenza tad-19 ta' April 2012, Artegodan vs Il-Kummissjoni, C-221/10 P, EU:C:2012:216, punt 80 u l-ġurisprudenza ċċitata. Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi f'Bank Mellat vs Il-Kunsill, C-430/16 P, EU:C:2018:345, punt 43.

28 Ara s-sentenza tal-10 ta' Ġunju 1986, Usinor vs Il-Kummissjoni, 81/85 u 119/85, EU:C:1986:234, punt 13.

29 Ninnota li dak iż-żmien kien għaddejjin il-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali. Huwa sorprendenti li, filwaqt li s-sentenza appellatta ġiet wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawk il-miżuri, il-Qorti Ġenerali ma semmietx dawk il-miżuri jew l-effett tagħhom fuq is-sitwazzjoni legali tal-appellanti u b'mod partikolari fuq l-eżistenza tal-interess kontinwu tagħhom fil-kawża. Madankollu, dak minnu niffsu ma jivvizzjax is-sentenza appellata fir-rigward tal-interess tal-applikanti, peress li dik is-sentenza hi neċessarjament, anki jekk impliċitament, ibbażata fuq il-premessa li l-appellanti ġġustifikaw tali interess waqt il-kawża.

30 Ara s-sentenza tas-16 ta' Frar 2017, Brandconcern vs EUIPO u Scooters India, C-577/14 P, EU:C:2017:122, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata.

51. Ċertu partijiet fl-appell jidhru li ma jgħaddux mit-test stabbilit fil-ġurisprudenza. Madankollu, uħud mill-argumenti mressqa ħaqqhom eżami iktar mill-qrib, minħabba li jqajmu mistoqsijiet ta' prinċipju li jistgħu jiġu diskussi b'mod validu. Għalhekk ma naħsibx li l-appell fih nnifsu għandu jiġi ddikjarat inammissibbli.

Il-mertu tal-appell

52. L-appellanti ressqu żewġ aggravji.

53. L-ewwel aggravju jirrigwarda l-kontestazzjoni tal-appellanti, bis-saħħa tal-Artikolu 277 TFUE, tal-validità tal-kriterji tal-2013.

54. Insostenn ta' dak il-motiv tal-appell, l-appellanti invokaw ħames aggravji. Dawn jikkonċernaw l-allegati żbalji ta' liġi tal-Qorti Ġenerali fir-rigward ta', l-ewwel, in-nuqqas ta' bażi legali għall-adozzjoni tal-kriterji tal-2013; it-tieni, l-allegat ksur tal-prinċipji ta' *res judicata*, ċertezza legali, protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u *ne bis in idem* kif ukoll id-dritt tal-appellanti għal rimedju effettiv; it-tielet, l-użu ħażin ta' poter; ir-raba', l-allegat ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità; u l-ħames, l-allegat indħil sproporzjonat fid-drittijiet fundamentali tal-appellanti.

55. It-tieni aggravju jirrigwarda l-kontestazzjoni diretta tal-appellanti taħt l-Artikolu 263(4) TFUE, tal-legalità tal-inkużjoniinklużjoni mill-ġdid tal-2013, li permezz tagħha l-ismijiet tagħhom ġew inklużi fil-lista ta' entitajiet suġġetti għal miżuri individwali tal-iffriżar tal-assi. [31]

56. Insostenn ta' dak il-motiv tal-appell, l-appellanti invokaw erba' aggravji. Dawn jikkonċernaw l-allegati żbalji ta' liġi tal-Qorti Ġenerali fir-rigward ta', l-ewwel, żbalji manifesti ta' evalwazzjoni meta kkunsidrat li l-kriterji tal-inklużjoni tal-2013 ġew sodisfatti; it-tieni, l-allegat ksur tad-drittijiet tad-difiża tal-appellanti fil-proċedura użata biex jerġgħu jiġu inklużi; it-tielet, l-allegat ksur tal-prinċipji ta' *res judicata*, ċertezza legali, protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u *ne bis in idem* kif ukoll id-dritt tal-appellanti għal rimedju effettiv; ir-raba', l-allegat ksur tad-drittijiet għad-difiża tal-appellanti.

57. Tlieta mill-erba' aggravji invokati fit-tieni motiv tal-appell għalhekk jirkbu fuq l-agggravji invokati fl-ewwel motiv tal-appell.

58. Mandakollu, l-atti kkontestati mit-tieni aggravju huma ta' natura legali essenzjalment differenti. B'mod partikolari, il-bażi legali tagħhom u għalhekk in-natura tal-kompetenza eżerċitata mill-Kunsill biex jadottahom hi differenti, u l-iskop tad-diskrezzjoni li jgawdi minnha l-Kunsill meta jadattahom tvarja. Għaldaqstant, il-portata tal-stħarriġ ġudizzjarju hu wkoll differenti. Għalhekk se neżaminahom separatament.

L-ewwel motiv tal-appell

L-ewwel aggravju: l-ebda bażi legali valida għall-adozzjoni tal-kriterji tal-2013

59. Il-Qorti Ġenerali sabet, f'punti 60 sa 77 tas-sentenza appellata, illi l-kriterji tal-2013 ma kinux arbitrarji u kienu konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalià.

31 IRISL u Irano Misr Shipping Co. kienu inklużi fil-lista fuq il-bażi tal-kriterji l-oħra, filwaqt li l-bqija tal-appellanti kienu inklużi fuq il-bażi tal-kriterji preċedentement eżistenti. Barra minn hekk, Rahbaran Omid Darya Ship Management Co. kienet ukoll inkluża fuq il-bażi tal-kriterju l-ġdid.

60. L-appellanti jsostnu illi l-Kunsill ma kellu l-ebda bażi legali biex jadotta l-kriterji inklużjoni tal-2013. Huma ma jikkontestawx l-għażla tal-bażi legali bħala tali. Pjuttost, huma jsostnu illi l-kriterji tal-2013 jeċċedu l-iskop tal-bażi legali li fuqha huma fondati, għaliex dawk il-kriterji ma kinux xierqa u proporzjonati għall-għan iddikjarat li jintemm il-programm ta' proliferazzjoni nukleari tal-Iran.

61. B'mod partikolari, l-appellanti jsostnu illi, minħabba illi l-Qorti Ġenerali sabet (f'paragrafu 101 tas-sentenza tagħha) illi l-kriterji tal-2013 ma jirrikjedux rabta bejn l-attivitajiet tal-persuna jew entità konċernata u l-proliferazzjoni nukleari, dawk il-kriterji ma jistgħux jitqiesu bħala xierqa għal dan l-għan. Barra minn hekk, huma jsostnu illi l-kriterju ta' ksur ta' projbizzjoni tal-bejgħ tal-armi fuq l-Iran (paragrafu 5 tar-riżoluzzjoni 1747 (2007)) iktar milli tal-projbizzjonijiet relatati mal-proliferazzjoni (paragrafu 7 tar-riżoluzzjoni 1737 (2006)) mhux iġġustifikat jew proporzjonat. Huma jsostnu wkoll li ma kienx hemm bażi legali biex jiġi introdott il-kriterju tal-ksur tar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà, li serva biex il-Kunsill jinkludi lil IRISL. Minn dan isegwi illi l-Kunsill ma jistax isostni illi l-kriterju relatat ma' IRISL hu neċessarju kontra r-riskju tal-evażjoni tal-miżuri tal-iffriżar tal-assi imposti fuq IRISL.

62. L-appellanti kkritikaw ukoll lill-Qorti Ġenerali talli ma ndirizzatx diversi argumenti speċifiċi li kienu ressqu quddiemha. Dawn huma li ġejjin: illi l-Kunsill ma kellux raġuni oġġettiva biex jemenda l-kriterji ta' inklużjoni u li naqas milli jipprovdi raġunijiet għal dan; illi b'mod partikolari, il-Kunsill ma kellu l-ebda evidenza ta' rabta bejn it-trasport tal-armi u l-programm ta' proliferazzjoni u ma setax jippreżumi b'mod validu l-eżistenza ta' din ir-rabta, speċjalment fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-2013 u tal-fatt illi l-Kunsill tas-Sigurtà ma kienx impona miżuri restrittivi fuq IRISL; u illi l-Kunsill "reġa kiteb" il-kriterji eżistenti biss biex "jaqbad" lil IRISL flimkien mal-appellanti l-oħra.

63. Nibda billi ninnota illi, inkonnessjoni mal-miżuri li stabbilixxu l-kriterji tal-2013, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/497 hi bbażata fuq l-Artikolu 29 TUE, filwaqt illi r-Regolament tal-Kunsill Nru 971/2013 hu bbażat fuq l-Artikolu 215 TFUE. Dawn id-dispożizzjonijiet tat-Trattati jagħtu lill-Kunsill il-poter li jadotta atti ta' portata ġenerali li jinkludu miżuri restrittivi indipendenti, distinti mill-miżuri speċifikament irrakkomandati mill-Kunsill tas-Sigurtà. L-Artikolu 215(1) TFUE jipprovdi illi l-Kunsill "għandu jadotta l-miżuri meħtieġa" biex jagħti effett lid-deċiżjonijiet adottati fuq il-bażi, b'mod partikolari, tal-Artikolu 29 TUE. L-Artikolu 215(2) TFUE jagħti s-setgħa lill-Kunsill li jadotta miżuri restrittivi kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi u gruppi jew entitajiet mhux Statali. Minn dan isegwi illi, bħala kwistjoni ta' prinċipju, il-Kunsill għandu fil-fatt bażi legali li fuqha jista' jadotta miżuri ta' iffriżar ta' assi kontra entitajiet bħall-appellanti.

64. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-qrati tal-UE għandhom, fl-istħarriġ ġudizzjarju tagħhom tal-miżuri restrittivi, jagħtu lill-Kunsill diskrezzjoni wiesgħa biex jistabbilixxi l-kriterji ġenerali li jiddefinixxu l-kategorija ta' persuni li jistgħu jkunu suġġetti għal dawn il-miżuri. [32]

65. Dan ma jfissirx illi l-Kunsill jista' jaġixxi b'mod arbitrarju. Il-legalità ta' miżura tista' tiġi affettwata jekk il-miżura hi manifestament mhux xierqa meta mqabbla mal-għan li l-istituzzjoni kompetenti trid tilħaq. [33]

66. Għalkemm l-istħarriġ ġudizzjarju tal-evalwazzjoni tal-adegwatezza ta' dawn il-miżuri hi għalhekk ristretta, "il-Qrati tal-Unjoni jridu jiżguraw illi hemm, bħala prinċipju, stħarriġ sħiħ tal-legalità tal-atti kollha tal-Unjoni mill-perspettiva tad-drittijiet fundamentali". [34]

32 Ara f'dak ir-rigward, Kala Naft, punt 120, u s-sentenza tal-21 ta' April 2015, Anbouba vs Il-Kunsill, C-605/13 P, EU:C:2015:248, punt 41.

33 Is-sentenza tal-1 ta' Marzu 2016, National Iranian Oil Company vs Il-Kunsill, C-440/14 P, EU:C:2016:128, punt 77 ('National Iranian Oil Company').

34 Ara f'dak ir-rigward, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2014, National Iranian Oil Company vs Il-Kunsill, T-578/12, mhux ippublikata, EU:T:2014:678, punt 108 u l-ġurisprudenza ċċitata. Dik is-sentenza ġiet ikkonfermata fl-appell f'National Iranian Oil Company.

67. Il-Qorti Ġenerali applikat dik il-ġurisprudenza b'mod korrett.[35] Ġurisprudenza stabbilita ta' din il-Qorti tispjega illi l-għan tar-reġim tal-miżuri kontra l-Iran hu biex issir pressjoni fuq dak l-istat u biex tobbligah jittermina l-attivitajiet nukleari b'riskju ta' proliferazzjoni u l-iżvilupp ta' sistemi li jwasslu l-armi nukleari.[36] Dak l-għan huwa konformi mal-għanijiet usa' tat-Trattat tal-UE dwar ir-relazzjonijiet tal-UE mal-bqija tad-dinja u l-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni ("il-PESK").[37] Dak l-għan għandu wkoll jitqies fid-dawl tal-għanijiet tar-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà li għandhom l-għan li "jillimitaw" il-programmi ta' proliferazzjoni nukleari tal-Iran u li "jissospendi" whud mill-komponenti tiegħu bil-ħsieb li tinżamm il-paċi u s-sigurtà internazzjonali.[38]

68. Il-kuntest storiku jrid jitqies ukoll waqt analiżi tal-legalità tal-kriterji tal-iffriżar tal-assi.[39] Miżuri restrittivi kontra l-Iran evolvew matul iż-żmien. Dawn huma ta' natura preventiva. L-iskop tagħhom jista' leġittimament jiġi (u ġie) progressivament estiż f'diversi okkażjonijiet[40] biex jirrimedja l-perċezzjoni ta' nuqqas ta' suċċess tal-miżuri adottati preċedentement.

69. Il-kriterji tal-2013 jindikaw b'mod konċiż li l-kriterji għad-dežinjazzjoni ta' persuni u entitajiet "għandhom jiġu aġġustati", mingħajr ma jingħataw l-ebda raġunijiet speċifiċi għal dan.[41] Madankollu, hu ċar mill-kuntest illi l-iskop kien li jiġu estiżi dawk il-kriterji biex jintlaħqu kategoriji addizzjonali ta' nies jew entitajiet biex jintlaħqu l-għanijiet li jirriżultaw mit-Trattati u mir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà eżistenti. Mill-ġurisprudenza jirriżulta li dan l-għan mhux legali fih nnifsu.[42] Ma naċċettax id-dikjarazzjoni sempliċi tal-appellanti li l-għan moħbi kien li tiġi evitata s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-2013.

70. Issa se neżamina iktar mill-qrib il-legalità ta', l-ewwel nett, il-kriterju tal-ksur tar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà u, t-tieni nett, l-kriterju relatat ma' IRISL.

71. Bħala introduzzjoni, ninnota li dawk iż-żewġ kriterji jiffukaw fuq sitwazzjonijiet jew ċirkustanzi oġġettivi, iktar milli biex juru rabta effettiva bejn il-persuni u l-entitajiet li se jkunu suġġetti għall-miżuri tal-iffriżar tal-assi jew l-imġiba attwali tagħhom u l-għan ewlieni tal-miżuri restrittivi, b'mod partikolari li jiskoraġġixxu l-programm ta' proliferazzjoni nukleari tal-Iran. Il-Qorti rrikonoxxiet fil-prinċipju l-legalità ta' tali kriterji.[43]

Il-kriterju ta' ksur tar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà

72. IRISL kienet elenkata fuq il-bażi tal-kriterji mmirati għal 'persuni u entitajiet li evadew jew kisru d-dispożizzjonijiet tar-[Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà] 1737 (2006),... 1747 (2007),... 1803 (2008) u... 1929 (2010).'

35 Ara punt 63 tas-sentenza appellata.

36 Ara National Iranian Oil Company, punt 53, enfasi miżjuda.

37 Skont l-Artikolu 3(5) TUE, f'dawk ir-relazzjonijiet l-UE għandha tikkontribwixxi għall-paċi, sigurtà u l-osservanza stretta u l-iżvilupp tad-dritt internazzjonali, inkluż rispett lejn il-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-PESK għandu jinkludi appoġġ lejn il-prinċipji tad-dritt internazzjonali (Artikolu 21(2)(b) TUE), jippreserva l-paċi, jipprevjeni l-kunflitti u jsaħħaħ is-sigurtà internazzjonali, skont l-għanijiet u l-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti (Artikolu 21(2)(c) TUE).

38 Ara l-punt 4 *et seq.* iktar 'il fuq.

39 Ara, f'dak ir-rigward, Kala Naft, punt 75, and d-digriet tal-1 ta' Diċembru 2015, Georgias *et* vs Il-Kunsill u l-Kummissjoni, C-545/14 P, mhux ippublikat, EU:C:2015:791, punt 33.

40 Inizjalment, il-kriterju kien tali li persuni u entitajiet kellhom ikunu nvoluti jew indirettament assoċjati mal-attivitajiet nukleari fl-Iran (l-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 423/2007 tad-19 ta' April 2007 rigward miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU 2007 L 103, p. 1). Dak il-kriterju ġie estiż għall-ewwel darba fl-2010 (l-Artikolu 16(2) tar-Regolament Nru 961/2010 (ĠU 2010 L 88, p. 1). Diversi estensjonijiet oħra segwew minn dakinhar.

41 Ara l-premessa 2 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/497 u l-premessa 2 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 971/2013.

42 Ara, b'analoġija, National Iranian Oil Company, punt 80.

43 Ara, is-sentenzi tat-13 ta' Marzu 2012, Tay Za vs Il-Kunsill, C-376/10 P, EU:C:2012:138, punt 55 (individwi responsabbli minn ċertu negozji assoċjati mal-kapijiet ta' pajjiżi terzi kkonċernati); tat-22 ta' Settembru 2016, NIOC *et* vs Il-Kunsill, C-595/15 P, mhux ippublikata, EU:C:2016:721, punti 89 u 90 ("propjetà ta' jew kontrollat" minn persuna suġġetta għall-miżuri restrittivi); tat-28 ta' Marzu 2017, Rosneft, C-72/15, EU:C:2017:236, punt 82 *et seq.* (entitajiet li jeżerċitaw attività ekonomika f'settur speċifiku).

73. Dak il-kriterju ġie miżjud mal-kriterju eżistenti dwar persuni u entitajiet "li assistew persuni jew entitajiet dežinjati biex jevadu jew jiksru" dawk id-dispożizzjonijiet. Minn dik il-perspettiva, iż-żieda tidher estremament raġonevoli. Jekk hu ġustifikat li jiġu applikati miżuri restrittivi fuq persuni li jkunu għenu persuni oħra f'attività illegali, hu *a fortiori* ġustifikat li jiġu applikati dawk il-miżuri lil persuni li huma stess aġixxew b'mod illegali.

74. Filwaqt li IRISL kienet inkluża fuq il-bażi li kienet kisret projbizzjoni relatata mal-embargo tal-armi, ir-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà wkoll jinkludu numru ta' projbizzjonijiet oħra, li wħud minnhom jirrelataw iktar direttament mal-parteċipazzjoni fl-iżvilupp tal-programm ta' proliferazzjoni. B'mod partikolari, permezz tar-Riżoluzzjoni 1737 (2006), il-Kunsill tas-Sigurtà impona embargo fuq it-trasferiment ta' teknoloġiji sensittivi. Barra minn hekk, permezz tar-Riżoluzzjoni 1747 (2007), impona embargo tal-armi fuq l-Iran.

75. Huwa minnu li ma tista' tiġi identifikata l-ebda rabta immedjata bejn dawk iż-żewġ riżoluzzjonijiet u l-programm ta' proliferazzjoni nukleari. Għalhekk il-Qorti Ġenerali ġustament qieset illi l-kriterji tal-ksur tar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà ma jidhirx li jeħtieġ li teżisti dik it-tip ta' rabta bejn l-għaġir ta' entità partikolari u dak il-programm.[44] Madankollu, dik il-konstatazzjoni waħedha ma trendix l-għażla ta' dak il-kriterju mhux xierqa jew arbitrarja.

76. Il-Qorti Ġenerali ġustament ikkonstat li r-Riżoluzzjoni 1947 (2007) kienet intiża biex tiżgura li l-programm nukleari Iranjan iservi għal finijiet esklużivament paċifiċi u li tirrestringi l-iżvilupp mill-Iran ta' teknoloġiji sensittivi insostenn tal-programmi nukleari u missilistiku tiegħu.[45] Fid-dawl tan-natura preventiva tal-miżuri restrittivi kontra l-Iran,[46] il-Kunsill seta' leġittimament iqis li r-rikavat mill-kummerċ tal-armi seta' direttament jew indirettament jipprovdi lill-Iran b'riżorsi jew faċilitajiet ta' natura differenti li jippermettulu li jkompli dak il-programm.[47] Bl-għarfien li r-riżorsi ekonomiċi jistgħu jiġu ddevjati favur attivitajiet nukleari sensittivi għall-proliferazzjoni fl-Iran,[48] il-Kunsill seta' wkoll leġittimament iqis illi l-ksur tal-embargo tal-armi seta' jgħin jew jinkoraġġixxi dak il-programm.

77. Hu minnu li r-Riżoluzzjoni 1747 (2007) ma tobbligax lill-Istati jiffriżaw l-assi ta' persuni jew entitajiet li qegħdin jiksru l-embargo tal-armi, iżda tistedinhom biss biex jeżerċitaw viġilanza f'dak ir-rigward. Madankollu, minn dik ir-rakkomandazzjoni ma jistax jiġi dedott li ma hemmx bżonn jiġu ffriżati l-assi ta' dawk l-entitajiet,[49] wisq inqas li dik it-tali miżura tal-iffriżar hi manifestament mhux xierqa biex tassigura l-effettività ta' dak l-embargo.

78. Għalhekk, ma kienx irraġonevoli jew eċċessiv għall-Kunsill li jifformula kriterju tal-iffriżar tal-assi li jippresupponi rabta potenzjali bejn il-ksur tal-embargo tal-armi u l-programm ta' proliferazzjoni, minkejja l-fatt li l-għaġir individwali tal-entità maqbud minn dak it-tali kriterju mhux neċessarjament juri konnessjoni attwalment diretta jew indiretta ma' dak il-programm.[50] Dik l-għażla politika ma tidhirx *a priori* li hi manifestament mhux xierqa jew arbitrarja fid-dawl tar-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà u l-importanza primarja li tippreserva l-paċi u s-sigurtà internazzjonali.

44 Ara s-sentenza tat-13 ta' Marzu 2012, Melli Bank vs Il-Kunsill, C-380/09 P, EU:C:2012:137 ("Melli Bank"), punti 40 u 41.

45 Ara punt 67 tas-sentenza appellata.

46 Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, Afrasiabi *et*, C-72/11, EU:C:2011:874, punt 44.

47 Ara Kala Naft, punt 83, u National Iranian Oil Company, punt 80.

48 Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, Afrasiabi *et*, C-72/11, EU:C:2011:874, punt 47.

49 Ara, b'analoġija, Melli Bank, punt 57.

50 Ara, b'analoġija, National Iranian Oil Company, punt 86. Ara wkoll id-digrieti tal-1 ta' Diċembru 2015, Georgias *et* vs Il-Kunsill u l-Kummissjoni, C-545/14 P, mhux ippublikat, EU:C:2015:791, punt 34; u tal-4 ta' April 2017, Sharif University of Technology vs Il-Kunsill, C-385/16 P, mhux ippublikat, EU:C:2017:258, punti 59 sa 61.

79. Finalment, l-iskop ta' dak il-kriterju mhux limitat għal ksur ta' embargo tal-armi, imma għandu l-għan li jassigura l-osservanza tad-dispożizzjonijiet kollha tar-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà. Kuntrarju għas-sottomissjonijiet tal-appellanti, kriterju fformulat b'dak il-mod hu konsistenti mal-oġġettivi tas-sistema ta' miżuri restrittivi kontra l-Iran. B'kuntrast ma' dan, kriterju limitat għal ksur ta' projbizzjonijiet direttament relatati mal-proliferazzjoni, jekk inwarrbu projbizzjonijiet oħra imposti mid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà, fl-opinjoni tiegħi, kien ikun inqas xieraq biex jilħaq dawk l-għanijiet.

80. Għalhekk nikkonkludi li l-ewwel parti tal-ewwel aggravju li tirrigwardja l-kriterju tal-ksur tar-riżoluzzjonijiet għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

Il-kriterju relatat ma' IRISL

81. L-10 kumpanniji kienu inklużi fuq il-bażi ta' kriterji li huma essenzjalment mmirati lejn persuni u entitajiet (i) li huma proprjetà ta' jew kontrollati minn IRISL, (ii) li jaġixxu f'isem IRISL jew (iii) li jipprovdu servizzi essenzjali lil IRISL.[51]

82. Bħall-kriterju ta' ksur tar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà, il-kriterju relatat ma' IRISL ma jippresupponix rabta bejn l-aġir individwali tal-entitajiet li għandhom jiġu elenkati u l-programm ta' proliferazzjoni nukleari. Tabilħaqq, il-fatt li tkun proprjetà ta' jew ikkontrollat minn IRISL ma għandu xejn x'jaqsam mal-aġir individwali tal-entitajiet ikkonċernati. Hu fatt oġġettiv lil hinn mill-kontroll tagħhom.

83. Madankollu, dan minnu nnifsu ma jirrendix dak il-kriterju illegali. Hu ċar mill-ġurisprudenza li meta l-assi ta' persuna jew entità suġġetta għal miżuri restrittivi jiġu ffriżati, hemm perikolu mhux insinjifikattiv li dik il-persuna jew entità tista' mbagħad teżerċita pressjoni fuq entitajiet li huma proprjetà tagħha jew li hi tikkontrolla jew li jappartjenu lilha biex tevita l-effett tal-miżuri li hi stess tkun suġġetta għalihom. Konsegwentement, hu neċessarju u xieraq li jiġu ffriżati l-assi ta' tali entitajiet biex tiġi żgurata l-effettività tal-miżuri adottati u biex jiġi żgurat li dawk il-miżuri ma jiġux evitati.[52]

84. Dik il-ġurisprudenza kienet tikkonċerna r-riskju li jiġu evitati miżuri tal-iffriżar tal-assi adottati kontra persuni li huma stess involuti fil-programm ta' proliferazzjoni nukleari. Fl-opinjoni tiegħi, kuntrarju għas-sottomissjonijiet tal-appellanti, tali riskju ovjament jeżisti wkoll fil-kuntest ta' kriterji oħra, inkluż dawk li ma jimplikawx rabta bejn il-kondotta individwali tal-persuna elenkata u l-programm ta' proliferazzjoni nukleari, bħal dik il-kwistjoni ta' hawnhekk. Madankollu, dik il-ġurisprudenza tapplika biss fejn il-miżuri restrittivi inkwistjoni japplikaw għal persuni jew entitajiet proprjetà ta', kontrollati minn jew inkella marbuta ma' persuni li huma digà suġġetti għal dawk il-miżuri.[53]

85. Meta l-kriterji tal-2013 ġew adottati, IRISL kienet hija nnifisha suġġetta għal miżuri ta' ffriżar.[54] Minn dan isegwi illi, bħala prinċipju, il-kriterju inkwistjoni jista' potenzjalment ikun iġġustifikat bil-ħtieġa li tiġi pprevenuta l-evażjoni ta' dawk il-miżuri.

51 Ara punti 20 sa 27 iktar 'il fuq. Ninnota li filwaqt li l-kliem tal-kriterju relevanti fir-Regolament tal-Kunsill Nru 971/2013 hu ċar u inekwivoku, il-kliem tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/497 (li għandha ttih effett l-miżura ta' qabel) mhux. Dan tal-aħħar jagħmel użu ripetut tal-pronom "huma" u "tagħhom" li l-punt ta' referenza tagħhom, u għalhekk anki l-għan tal-kriterju, huma miftugħa għall-interpretazzjoni. Minix se niżviluppa l-argument iktar, peress illi l-ebda motiv ma jqajjem din il-kwistjoni.

52 Ara, f'dak ir-rigward, is-sentenza tal-20 ta' Frar 2013, Melli Bank vs Il-Kunsill, T-492/10, EU:T:2013:80, punt 55; dik is-sentenza ġiet milqugħa fl-appell ta' Melli Bank.

53 Ara, *Melli Bank*, punti 39 u 75 sa 79; ara s-sentenza tal-20 ta' Frar 2013, *Melli Bank* vs *Il-Kunsill*, T-492/10, EU:T:2013:80, punti 55 u 56.

54 Ara punti 14 sa 19 iktar 'il fuq. Għalkemm il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-elenkar ta' IRISL fl-2010 kien illegali, żammitu fis-seħħ sas-26 ta' Novembru 2013 (ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-2013, punt 82). Minn dan isegwi li fid-data tal-adozzjoni tal-kriterji tal-2013, l-iffriżar tal-assi propjetà ta' IRISL kien daħal fis-seħħ u setgħet tiġġustifika l-kriterju mmirat biex jikkumbatti l-evażjoni, anki jekk għal ftit iktar minn xhar.

86. Madankollu, l-atti li jistabbilixxu l-kriterji tal-2013 ma jinkludu l-ebda motivazzjoni f'dak is-sens sabiex jiġi ġġustifikat il-kriterju relatat ma' IRISL. Dan jgħodd ukoll għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK, li permezz tagħha l-Kunsill stabbilixxa għall-ewwel darba, il-kriterju relatat ma' IRISL fil-forma inizjali (iktar restrittiva)[55]. Għalhekk l-iktar l-iktar jista' jkun hemm preżunzjoni li l-Kunsill iġġustifika dak il-kriterju b'rifereimtn għall-bżonn li tiġi opposta l-evażjoni tal-miżuri preċedenti tieġħu li jindirizzaw lil IRISL innifisha.

87. It-tieni paragrafu ta' Artikolu 296 TFUE jipprovdi, b'mod partikolari, li atti ġuridiċi tal-Unjoni għandhom jindikaw ir-raġunijiet li fuqhom huma bbażati. Dik il-motivazzjoni trid turi b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament tal-istituzzjoni tal-Unjoni li adottat il-miżura b'tali mod li tippermetti lill-Qorti li teżerċita l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha.[56] Skont ġurisprudenza stabbilita, il-mistoqsija jekk il-motivazzjoni għal deċiżjoni tilħaqx ir-rekwiżiti tal-Artikolu 296 TFUE trid titqies mhux biss fir-rigward tal-kliem tagħha imma anki tal-kuntest tagħha.[57]

88. Kif għadni kif indikajt, il-kliem li ma jinkludi l-ebda raġunament li jiġġustifika l-kriterju relatat mal-IRISL. Stabbilixxejt il-kuntest tal-kriterji tal-2013 iktar kmieni f'dawn il-konklużjonijiet.[58]

89. Meta kien qiegħed jistabbilixxi l-kriterji tal-2013, il-Kunsill kellu jkun konxju minn dawn il-fatti. L-ewwel nett, il-miżuri restrittivi imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà ma kinux ikopru lil IRISL jew l-ebda mill-10 kumpanniji. It-tieni nett, minkejja illi l-Kunsill kien preċedentement bbaża ruħu fuq tliet inċidenti fejn IRISL kienet kisret ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà 1747 (2007), il-Kunsill naqas milli jipprovdi provi suffiċjenti li IRISL appoġġjat il-programm ta' proliferazzjoni nukleari.[59] It-tielet il-Kunsill naqas milli jipprovdi provi li juru li IRISL kienet infatti estensjoni tal-Istat Iranjan, jiġifieri, entità li pparteċipat fl-eżerċizzju ta' setgħat governattivi jew li amministrat servizz pubbliku taħt il-kontroll tal-Gvern.[60] Isegwi li l-Kunsill ma setax jibbaża ruħu fuq l-eżistenza preżunta ta' ċertu rabtiet bejn IRISL u l-Istat Iranjan jew il-programm ta' proliferazzjoni nukleari tiegħu biex jiġġustifika l-kriterju relatat ma' IRISL, speċjalment peress li ma hemm l-ebda dispożizzjoni f'dak is-sens fil-leġiżlazzjoni applikabbli.[61]

90. Il-Kunsill seta', fl-istabbiliment tal-kriterju tal-2013, ħa espressament inkusiderazzjoni l-fatt li IRISL kienet l-ikbar kumpannija marittima operata fl-Iran[62] u li l-Kunsill Ewropew kien stieden lill-Kunsill biex jimponi miżuri restrittivi, fost oħrajn, "fuq is-settur tat-trasport Iranjan, b'mod partikolari [IRISL] u s-sussidjarji tagħha".[63]Madanakollu, ma hemm l-ebda indikazzjoni tal-motivi li effettivament intużaw sabiex jiġi ġġustifikat l-istabbiliment tal-kriterju relatat ma' IRISL fl-atti rilevanti tal-Kunsill. Dan jikkostitwixxi ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni stabbilit f'Artikolu 296 TFUE. Barra minn hekk, din tirrendi impossibbli, għal din il-Qorti li teżerċita l-poter tagħha ta' stħarriġ ġudizzjarju u li teżamina jekk il-kriterju inkwistjoni huwiex adegwat u proporzjonat fid-dawl tal-għanijiet li teżerċita. Billi naqset milli tiddeċiedi f'dan is-sens, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi.

55 Huwa minnu li l-premessa 7 ta' dik id-deċiżjoni tipprovdi raġunijiet għall-kriterju ta' inklużjoni, stabbilit fl-Artikolu 20(1)(a) ta' dik id-deċiżjoni, li jawtorizza lill-Kunsill jiffirża l-assit ta' entitajiet IRISL indikati mill-Kunsill tas-Sigurtà fl-Anness III tar-Riżoluzzjoni 1929 (2010). Madankollu, l-ebda waħda mill-appellanti ma hija msemmija f'dak l-Anness (ara l-punti 9 u 10 iktar 'il fuq). Dik il-premessa manifestament ma tistax isservi bħala bażi għall-Artikolu 20(1)(b) ta' dik id-deċiżjoni, li jistabbilixxi sistema tal-UE separata u kumplimentari ta' miżuri restrittivi li jikkonċernaw entitajiet oħra (inklużi l-appellanti)

56 Ara, *inter alia*, is-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2015, Estonja vs Il-Parlament u l-Kunsill C-508/13, EU:C:2015:403, punt 60, u tat-3 ta' Marzu 2016, Spanja vs Il-Kummissjoni C-26/15 P, EU:C:2016:132, punti 30 u 31.

57 Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenzi tal-14 ta' Frar 1990 Delacre *et* vs Il-Kummissjoni, C-350/88, EU:C:1990:71, punt 16 u l-ġurisprudenza ċċitata, u Il-Kunsill vs Bamba, C-417/11 P, EU:C:2012:718, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata.

58 Ara punti 4 sa 19 iktar 'il fuq.

59 Ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-2013, punt 67.

60 Sentenza tad-29 ta' Jannar 2013, Bank Mellat vs Il-Kunsill, T-496/10, UE:T:2013:39, punt 42. Fl-analiżi tagħha, il-qorti qieset is-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem Islamic Republic of Iran Shipping Lines vs It-Turkija, ECLI:CE:ECHR:2007:1213JUD004099898, paragrafi 79 u 80.

61 Ara s-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2014, Sedghi u Azizi vs Il-Kunsill, T-66/12, mhux ippublikata, EU:T:2014:347, punt 69.

62 Ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-2013, punt 21.

63 Ara punt 13 iktar 'il fuq.

91. Għaldaqstant l-ewwel aggravju għandu jintlaqa' u s-sentenza appellata għandha tiġi annullata f'dan is-sens. Għaldaqstant, il-kriterju relatata ma' IRISL huwa invalidu. Peress li l-inklużjoni mill-ġdid tal-2013 tal-10 kumpanniji kienet ibbażata speċifikament fuq dak il-kriterju, dik l-inklużjoni għandha tiġi annullata wkoll.

It-tieni aggravju: l-adozzjoni tal-kriterji tal-2013 allegament kisret il-prinċipji ta' res judicata, ċertezza legali, protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u ne bis in idem kif ukoll id-dritt tal-appellanti għal rimedju effettiv

92. Fil-paragrafi 79 sa 90 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-kriterji tal-2013 jikkonformaw mal-prinċipji ta' *res judicata*, ċertezza legali, protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u *ne bis in idem* u li jirrispettaw id-dritt tal-appellanti għal rimedju effettiv.

L-ewwel parti – il-prinċipju ta' res judicata

93. L-appellanti argumentaw li l-Qorti Ġenerali naqset milli tirrikonoxxi li, billi l-Kunsill adotta l-kriterji tal-2013, evita s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-2013. Għalhekk il-Qorti Ġenerali allegatament kisret il-prinċipju ta' *res judicata*.

94. Il-kunċett ta' *res judicata* jista' jinftiehem differenti f'kuntesti ġuridiċi nazzjonali differenti. Madankollu hu ċar li fil-kuntest tad-dritt tal-UE, il-konsegwenza tal-awtorità ta' sentenza inkwistjoni bħala *res judicata* hu li tipprekludi rikors jekk il-proċeduri li jkunu taw lok għas-sentenza inkwistjoni bejn l-istess partijiet, kellhom l-istess għan u l-istess bażi legali.[64] *Res judicata* tkopri biss dawk il-punti ta' fatt u ta' liġi li kienu attwalment u necessarjament deċiżi mid-deċiżjoni ġudizzjarja.[65]

95. Madankollu, l-argument tal-appellanti jidher li qajjem il-kwistjoni usa' dwar jekk il-Kunsill osservax il-limiti ta' diskrezzjoni billi implimenta dik is-sentenza.

96. Il-pożizzjoni tal-leġislatur tal-UE x'aktarx tiġi affettwata minn sentenza preċedenti f'każijiet rari u speċifiċi biss. Dak ċertament mhux il-każ hawnhekk.

97. Sa liema punt is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-2013 affettwat l-kapaċità tal-Kunsill li jaġixxi abbażi tal-Artikoli 29 TUE u 215 TFUE?

98. Abbażi tal-Artikolu 266 TFUE, l-istituzzjoni li ġie annullat l-att tagħha tista' tkun rikjesta li tieħu l-miżuri neċessarji biex tikkonforma mas-sentenza li tannulla dak l-att. Fl-implimentazzjoni ta' tali sentenza, l-istituzzjoni kkonċernata għandha diskrezzjoni wiesgħa fl-għażla tal-miżuri, bil-fehma li tali miżuri jridu jkunu kompatibbli mad-dispożittiv ta' dik is-sentenza kif ukoll mal-motivi li wasslu għas-sentenza u jiffurmaw il-bażi essenzjali tagħha, sa fejn dawn huma meħtieġa biex tiġi ddeterminata t-tifsira eżatta ta' dak li jkun intqal fid-dispożittiv.[66]

99. Osservajt x'imkien ieħor li, għalkemm l-annullament ta' att illegali ħafna drabi jġiegħel l-istituzzjoni kkonċernata li tadotta att ġdid, dak mhux l-uniku metodu possibbli ta' konformità.[67] B'mod partikolari, fejn l-annullament hu suffiċjenti biex jelimina l-illegalità identifikata mill-Qorti, jista' jkun li l-istituzzjoni kkonċernata ma tkunx rikjesta li tieħu azzjoni ulterjuri. Dik kienet ċarament is-sitwazzjoni fil-każ ineżami.

64 Sentenza tal-25 ta' Ġunju 2010, Imperial Chemical Industries vs Il-Kummissjoni, T-66/01, EU:T:2010:255, punti 196 sa 198.

65 Digriet tat-28 ta' Novembru 1996, Lenz vs Il-Kummissjoni, C-277/95 P, EU:C:1996:456, punt 50.

66 Sentenza tal-15 ta' Marzu 2018, Deichmann, C-256/16, EU:C:2018:187, punt 87, enfasi miżjuda.

67 Ara l-konklużjonijiet tiegħi f'Il-Kummissjoni vs McBride *et*, C-361/14 P, EU:C:2016:25, punt 70.

100. L-għan tal-kriterji tal-2013 kien, b'qari letterali, li jaġġusta l-kriterji applikabbli ta' applikazzjoni ġenerali biex ikunu kapaċi jadottaw il-miżuri individwali għall-futur, b'effett *ex nunc*.[68] L-appellanti għalhekk huma żbaljati meta jsostnu li l-kriterji tal-2013 u l-inklużjoni mill-ġdid tal-2013 kienu intiżi biex, jew irriżultaw fl-inklużjoni tal-ismijiet tagħhom fil-listi ta' entitajiet suġġetti għall-miżuri tal-iffriżar tal-assi b'effett retroattiv (*ex tunc*).

101. Skont ġurisprudenza stabbilita l-istituzzjoni li l-att tagħha jiġi annullat tista' tkun rikjesta li toqgħod lura minn li taddotta miżura identika.[69] Trid tassigura li kwalunkwe att intiż li jibdel l-att annullat ma jkunx affettwat mill-istess irregolaritajiet bħal dawk identifikati fis-sentenza li tannulla l-att oriġinali.[70] Hi wkoll għandha l-obbligu li tassigura li leġiżlazzjoni ġdida adottata wara s-sentenza li tannulla l-miżura preċedenti ma tinkludix dispożizzjonijiet li għandhom l-istess effett bħad-dispożizzjonijiet li tqiesu llegali.[71]

102. F'liema rigward kienet finali s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-2013? Fi kliem ieħor: x'inhu l-iskop tar-"*res*" li kien attwalment "*judicata*" mill-Qorti Ġenerali?

103. F'dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, b'mod partikolari, li l-Kunsill kien naqas milli jistabbilixxi sal-livell neċessarju li IRISL, billi ttrasportat – fi tliet okkażjonijiet – materjal militari bi ksur tal-projbizzjoni prevista fil-paragrafu 5 tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà 1747 (2007), kienet appoġġjat il-proliferazzjoni nukleari fil-kuntest ta' Artikolu 20(1)(b) tad-Deċiżjoni 2010/413 u Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 423/2007. Għaldaqstant, annullat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK sa fejn inkludiet lil IRISL fil-lista ta' persuni suġġetti għal miżuri tal-iffriżar tal-assi.[72]

104. L-iżball ta' liġi li wassal għall-annullament tal-miżuri tal-iffriżar tal-assi inkwistjoni f'dak il-każ kien għalhekk żball proċedurali mwettaq mill-Kunsill (peress li "naqase milli jistabbilixxi sal-livell neċessarju […]") iktar milli difett sostantiv. Is-sentenza appellata tindika – fl-opinjoni tiegħi, korrettament – li s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-2013 "ma ddeċidietx dwar il-validità tal-kriterji fl-Artikolu 20(1)(b) tad-Deċiżjoni 2010/413 u fl-Artikolu 23(2)(a) u (b) tar-Regolament Nru 267/2012 fil-verżjoni tagħhom applikabbli għall-fatti fil-kawża ineżami".[73]

105. Inqis li dan hu hekk minkejja l-fatt li s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-2013 annullat il-miżuri tal-iffriżar tal-assi imposti fuq l-10 kumpanniji "peress li l-IRISL ma ġewx validament rikonoxxuti bħala li jappoġġaw il-proliferazzjoni nukleari" u għalkemm "r-rikorrenti minbarra l-IRISL effettivament jappartjenu lil jew huma kkontrollati minn dawn tal-aħħar jew jaġixxu f'isimhom"[74] u għalhekk, fil-prinċipju, waqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak il-kriterju.

106. Minn dan isegwi li la l-prinċipju ta' *res judicata* u lanqas l-Artikolu 266 TFUE ma eskludew lill-Kunsill milli jżomm il-kriterji eżistenti. Minħabba li l-Kunsill igawdi ċertu libertà diskrezzjonali meta jiddefinixxi l-politika esterna tal-UE, dawk il-prinċipji ma setgħux *a fortiori* jwaqqfuh milli jibdel dawk il-kriterji, kif qalet ġustament il-Qorti Ġenerali, biex isegwi b'mod iktar effettiv l-għan li jagħmel pressjoni fuq l-Iran biex jobbligah iwaqqaf il-programm ta' proliferazzjoni nukleari tiegħu.[75]

68 Se neżamina dak l-argument f'iktar dettall fir-rigward tat-tieni aggravju fil-punti 117 sa 128 hawn taħt.

69 Sentenza tas-6 ta' Ġunju 2013, Ayadi vs Il-Kummissjoni, C-183/12 P, mhux ippublikata, EU:C:2013:369, punt 18.

70 Sentenza tal-14 ta' Settembru 1999, Il-Kummissjoni vs AssiDomän Kraft Products *et*, C-310/97 P, EU:C:1999:407, punti 50 sa 56.

71 Sentenza tas-26 ta' April 1988, Asteris *et* vs Il-Kummissjoni, 97/86, 99/86, 193/86 u 215/86, EU:C:1988:199, punt 29. Dawk il-konsegwenzi ta' deċiżjoni ġudizzjarja preċedenti identifikati f'dan il-punt jidhru li huma espressjonijiet speċifiċi tal-prinċipju usa' tal-komunità ta' dritt, iktar milli effetti tal-prinċipju ta' *res judicata*.

72 Ara punt 18 iktar 'il fuq.

73 Ara l-punt 80 tas-sentenza appellata. Kieku l-Qorti Ġenerali invalidat il-kriterji, kien ikun ovvjament illegali li l-Kunsill iżommhom, u, *a fortiori*, jerġa' jniżżel ċertu entitajiet fuq dik il-bażi.

74 Ara l-punt 77 tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-2013.

75 Ara punt 82 tas-sentenza appellata. Jien neżamina l-mistoqsija ta' jekk dawk il-prinċipji waqqfu lill-Kunsill milli jerġa' jelenka uħud mill-appellanti fuq il-bażi tal-istess kriterji u l-istess fatti bħal dawk li jiffurmaw il-bażi tal-lista tal-2010 skont it-tielet motiv tat-tieni aggravju (ara punt 195 *et seq*. hawn taħt).

It-tieni parti – il-prinċipju ta' ne bis in idem

107. Kif previst fl-Artikolu 50 tal-Karta, l-ebda persuna ma tista' terġa' tiġi pproċessata jew ikkundannata fi proċeduri kriminali għal reat għal liema hu jew hi jkunu diġà nstabu mhux ħatja jew ġew ikkundannati fl-Unjoni skont il-liġi. Għalhekk, il-prinċipju ta' *ne bis in idem* jipprojbixxi d-duplikazzjoni tal-proċeduri u s-sanzjonijiet li huma ta' natura kriminali fis-sens ta' dak l-artikolu fir-rigward ta' dawk l-istess atti u kontra l-istess persuna.[76] Fir-rigward tal-evalwazzjoni jekk proċeduri jew sanzjonijiet humiex ta' natura kriminali, tliet kriterji huma rilevanti: (i) il-klassifikazzjoni legali tar-reat taħt id-dritt nazzjonali, (ii) in-natura intrinsika tar-reat u (iii) il-grad ta' severità tas-sanzjoni li l-persuna kkonċernata tista' ġġarrab.[77]

108. Ma nistax nara kif dak il-prinċipju jista' jwaqqaf lill-Kunsill milli japplika l-kriterji emendati għal xi wħud mill-appellanti għall-ewwel darba[78] jew li japplika l-istess kriterji ġenerali lill-oħrajn għat-tieni darba.

109. Mill-klawżoli kemm tar-Riżoluzzjoni 1737 (2006) (b'mod partikolari l-paragrafi 2 u 12 tagħha) kif ukoll tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413 (b'mod partikolari premessa 9 tal-preambolu) jidher ċar li l-miżuri restrittivi adottati kontra l-Iran huma intiżi li jkunu ta' natura preventiva fis-sens li jimpedixxu r-riskju ta' attivitajiet nukleari sensittivi għall-proliferazzjoni f'dak l-Istat.[79]

110. Minn dan isegwi li l-miżuri restrittivi inkwistjoni mhumiex intiżi li jissanzjonaw kwalunkwe nuqqas li kkommettew il-persuni kkonċernati.[80] Sa fejn l-assi tal-persuni u entitajiet li japplikaw fuqhom il-miżuri restrittivi skont il-kriteji tal-2013 ma ġewx ikkonfiskati bħala li oriġinaw minn attività kriminali imma ġew iffriżati bħala miżura preventiva, dawk il-miżuri restrittivi ma jikkostitwixxux sanzjoni ta' natura kriminali. Lanqas, bl-istess mod, ma jimplikaw kwalunkwe akkuża ta' natura kriminali.[81]

111. Id-deċiżjoni tal-Kunsill li tissuġġetta persuna jew entità għal miżuri tal-iffriżar tal-assi ma tikkostitwixxix konstatazzjoni li reat kriminali jkun effettivament twettaq imma tiġi adottata fil-kuntest u għall-finijiet ta' proċedura amministrattiva li għandha funzjoni kawtelatorja, li għandha l-għan li tipprevjeni lill-persuni u entitajiet ikkonċernati milli jikkommettu ċertu atti meqjusa illegali fid-dawl tad-dritt internazzjonali. L-unika għan ta' dik il-proċedura hu li l-Kunsill ikun jista' jeżerċita pressjoni fuq l-Iran biex jipprevjeni jew inaqqas ir-ritmu tal-programm ta' proliferazzjoni nukleari tiegħu b'mod effettiv.[82]

112. Dawk il-miżuri għalhekk ma jimplikaw l-ebda aspett tal-liġi kriminali. Għaldaqstant, ma ġiet issodisfatta l-ebda waħda mit-tliet kundizzjonijiet imsemmija f'punt 107. Minn dan isegwi li *ne bis in idem* ma japplikax fil-kuntest ta' miżuri restrittivi adottati mill-Kunsill fuq il-bażi ta' poteri mogħtija lilu mill-Artikolu 29 TUE u l-Artikolu 215 TFUE, bħall-kriterji tal-2013 inkwistjoni fil-każ preżenti.

76 Ara, f'dak ir-rigward, is-sentenza tas-26 ta' Frar 2013, Åkerberg Fransson, C-617/10, EU:C:2013:105, punt 34.

77 Ara, f'dak ir-rigward, is-sentenzi tal-5 ta' Ġunju 2012, Bonda, C-489/10, EU:C:2012:319, punt 37.

78 Fl-2013, IRISL kienet elenkata fuq il-bażi tal-kriterju l-ġdid relatat ma' ksur tar-reżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà Irano Misr Shipping Co. u Rahbaran Omid Darya Ship Management Co. ġew elenkati fuq il-bażi tal-kriterju l-ġdid relatat mal-proviżjoni ta' servizzi essenzjali lil IRISL. Fil-każ ta' dan tal-aħħar, dak il-kriterju l-ġdid ġie invokat b'mod parallel bil-kriterju l-"qadim" li jaġixxu f'isem IRISL. L-appellanti l-oħra kienu elenkati fuq il-bażi ta' kriterji essenzjalment identiċi għal dawk tal-2010 u 2013.

79 Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, Afrasiabi *et*, C-72/11, EU:C:2011:874, punt 44.

80 Il-Qorti osservat, b'mod partikolari, li diversi dispożizzjonijiet tal-atti li jipprovdu l-miżuri tal-iffriżar tal-assi fil-kuntest tal-programm ta' proliferazzjoni tal-Iran huma fformulati b'termini ġenerali u ma jagħmlu l-ebda referenza għal imġiba qabel id-deċiżjoni li jiġu ffriżati fondi (ara, f'dak ir-rigward, Kala Naft, punt 85).

81 Sentenza tal-14 ta' Ottubru 2009, Bank Melli Iran vs Il-Kunsill, T-390/08, EU:T:2009:401, punt 111.

82 Sentenza tal-14 ta' Ottubru 2009, Bank Melli Iran vs Il-Kunsill, T-390/08, EU:T:2009:401, punt 68, iċċitata mill-Avukat Ġenerali Bot fil-konklużjonijiet tiegħu Il-Kunsill vs Manufacturing Support & Procurement Kala Naft, C-348/12 P, EU:C:2013:470, punt 106.

113. B'mod patikolari għalhekk, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-2013 li annullat il-miżuri tal-iffriżar tal-assi li kienu imposti preċedentement fuq l-appellanti ma jistgħux jitqiesu bħala "liberazzjoni finali" għall-finijiet ta' Artikolu 50 tal-Karta u l-argument tal-appellanti għandu jiġi miċħud.

It-tielet parti – prinċipji ta' ċertezza legali u protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi

114. L-appellanti jsostnu essenzjalment li, minħabba li s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-2013 annullat l-inklużjoni preċedenti tagħhom, il-prinċipji ta' ċertezza legali u tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi kienu jitolbu li l-Kunsill ma jieħu l-ebda azzjoni ulterjuri f'dan ir-rigward.

115. Il-Qorti Ġenerali validament fakkret li, skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju ta' ċertezza legali jirrikjedi li l-leġiżlazzjoni tal-UE trid tkun ċerta u l-applikazzjoni tagħha trid tkun prevedibbli minn dawk suġġetti għaliha.[83]

116. L-appellanti naqsu milli juru liema aspett tal-kriterji tal-2013 ma kellux preċiżjoni jew ċarezza. Lanqas ma identifikaw ebda silta mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-2013 li tista' toħloq aspettattiva leġittima li l-Kunsill ikun preklużmilli jieħu azzjoni ulterjuri, ibbażata fuq kriterji legali u proċedura u evidenza xierqa, li tista' twassal biex jerġgħu jiġu elenkati. Dak l-argument għalhekk irid jiġi ddikjarat bħala manifestament infondat.

117. L-appellanti jsostnu wkoll li ma kienx legali għall-Kunsill li jżomm kriterji li jirreferu għal imġieba fil-passat jew fatti jew ċirkostanzi li eżistew qabel ġew adottati jew li ma kinux magħrufa mill-Kunsill dak iż-żmien. Ma speċifikawx il-prinċipju tal-liġi jew id-dispożizzjoni tat-Trattat li fuqha qed jibbażaw ruħhom f'dak ir-rigward, iżda jikkunsidraw li dak li għamel il-Kunsill ta effett "retrospettiv" lil dawk il-kriterji.

118. L-ewwel net, miżuri restrittivi huma ta' natura preventiva. Fi ħdan is-setgħat diskrezzjonali wiesgħa tiegħu, il-Kunsill meta jaġixxi fil-kapaċità leġiżlattiva tiegħu tal-UE jista' jistabbilixxi kriterji biex japplika diversi tipi ta' miżuri restrittivi. In-natura u l-kontenut tagħhom jiddependu mill-għanijiet imfittxa.

119. Hu intrinsiku fin-natura tal-miżuri intiżi li jikkumbattu r-riskji relatati mal-programm ta' proliferazzjoni nukleari Iranjan li huma jikkostitwixxu risposta, ibbażata fuq ċertu għarfien ġenerali jew speċifiku, għal sitwazzjoni li teżisti f'dak l-Istat. Għalhekk, pereżempju, jekk il-Kunsill jikkunsidra li ksur ta' dispożizzjonijiet tar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà jipprovdi vantaġġ għal dak il-programm jew hemm ċans li jagħmlu dan fil-futur, jista' leġittimament jagħmel kriterju li jirreferi għal tali ksur. Il-miżuri restrittivi intiżi biex jikkumbattu r-riskju tat-terroriżmu internazzjonali huma eżempju ieħor tal-istess fenomenu.[84] Huma, min-natura tagħhom, ibbażati fuq deċiżjonijiet nazzjonali li jikkonċernaw l-għaġir fil-passat ta' persuni jew gruppi li jippreżentaw tali riskju.[85]

120. It-tieni nett, minn dan isegwi inevitabbilment li dawk il-kriterji huma prospettivi fin-natura tagħhom. Huma intiżi biex jiġu applikati skont il-ħtieġa għal aġir fil-futur jew sitwazzjoni fil-futur.

121. Il-Kunsill jista' għalhekk jagħżel li jistabbilixxi kriterji li jirreferu b'mod ġeneriku għal kategoriji ta' fatti li ppreċedew l-adozzjoni ta' dawk il-kriterji. Il-fatti relatati ma' inklużjoni individwali jista' però jsir jaf bihom biss wara. Ovvjament, fil-formulazzjoni tal-kriterji tiegħu, il-Kunsill jista' jagħżel li jirreferi lura għal dawk il-fatti jew ċirkostanzi li wasslu għall-adozzjoni ta' dawk il-kriterji, minħabba riskji ppruvati li kienu ppreżentaw dak iż-żmien.

83 Ara punt 192 tas-sentenza appellatta li fih il-Qorti Ġenerali tagħmel riferiment għall-punt 77 tas-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2010, Nuova Agricast u Cofra vs Il-Kummissjoni, C-67/09 P, EU:C:2010:607, punt 77.

84 Dawk il-miżuri huma imposti fuq il-bażi tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2001/931/PESK tas-27 ta' Diċembru 2001 fuq l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu (ĠU 2001 L 344, p. 93), kif emendata.

85 Ara, f'dak ir-rigward, il-konklużjonijiet tiegħi f'Il-Kunsill vs LTTE, C-599/14 P, EU:C:2016:723, punt 77 *et seq*. u b'mod partikolari punt 79.

122. Is-sottomissjoni tal-appellanti twassal għall-konklużjoni paradossali li l-Kunsill ikun mitlub joffri immunità inkundizzjonata lil persuni u entitajiet li, fid-dawl tal-għanijiet imfittxija mil-leġislazzjoni tal-UE, kienu magħrufa li jippreżentaw riskji konoxxuti jew tabilħaqq ippreżentaw tali riskji, għalkemm dak ma kienx magħruf dak iż-żmien li l-kriterji ta' inklużjoni ġew adottati. Dak iħalli lil-leġislatur tal-UE biss bil-possibbiltà li jimmira għal persuni u entitajiet li, fid-dawl tal-għanijiet leġittimi, ma kinux magħrufa li jippreżentaw tali riskji jew anki ma kinux jippreżentaw tali riskji meta ġew adottati l-kriterji ta' inklużjoni.

123. Għalhekk, fuq l-argument tal-appellanti, il-Kunsill ikun irid (pereżempju) jistabbilixxi li entità partikolari appoġġjat b'mod attiv il-programm ta' proliferazzjoni nukleari wara li l-kriterji inkwistjoni jkunu ġew stabbiliti; jew li jistabbilixxi li entità partikolari ġiet ikkreata, mixtrija jew bdiet tkun effettivament ikkontrollata minn entità suġġetta għal miżuri restrittivi biss wara dik id-data.

124. Fl-ewwel eżempju, il-Kunsill ikun jista' "japplika" l-kriterji inkwistjoni biss jekk jista' jistabbilixxi li l-miżuri restrittivi ma rnexxilhomx jipprevjenu r-riskju li kienu intiżi li jwaqqfu milli jseħħ. Fit-tieni eżempju, il-Kunsill ikollu jħabbat wiċċu ma' sfida ta' prova li, minħabba r-rifjut sistematiku tal-awtoritajiet Iranjani li jikkoperaw mal-komunità internazzjonali, f'ħafna każijiet jaf jitqies insormontabbli fil-prattika.

125. Evidentement, dak iċaħħad l-effettività tal-miżuri restrittivi, u fil-prattika, iġib fix-xejn il-kompetenza tal-UE f'Artikolu 29 TUE u 215 TFUE mogħtija mill-awturi tat-Trattati.

126. L-ebda dispożizzjoni ta' Trattat jew prinċipju ġenerali tad-dritt tal-UE ma jimplika – u wisq inqas jeżiġi – li tali limitazzjoni drakonjana tkun imposta fuq il-kompetenza tal-Kunsill mogħtija minn dawk id-dispożizzjonijiet.

127. Diġà kkonkludejt li miżuri restrittivi ma jimplikawx sanzjoni kriminali jew li għandhom xi aspett tal-liġi kriminali.[86] Minn dan isegwi li l-prinċipju ġenerali ta' *nulla poena sine lege* ma japplikax f'dan il-kuntest.[87] L-istess jgħodd għall-prinċipju ta' nonretroattività tal-liġi kriminali.[88]

128. Minn dan isegwi li, għalkemm il-Qorti Ġenerali ma eżaminatx l-argument tal-appellanti fid-dawl ta' dawk iż-żewġ prinċipji, għamlet żball meta ċaħdet l-argument fil-punti 88 u 89 tas-sentenza appellata.

129. Il-Qorti Ġenerali kellha raġun ukoll tiftakar li d-dritt li tinvoka l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi jkopri kull persuna li jkunu nħolqulu aspettattivi minn instituzzjoni tal-UE li huma ġġustifikati b'assigurazzjonijiet preċiżi mogħtija lilu. Madankollu, jekk operatur ekonomiku li hu prudenti u informat seta' jara li l-adozzjoni ta' miżuri tal-UE tista' taffettwa l-interessi tiegħu, ma jistax jinvoka dak il-prinċipju jekk il-miżura tiġi adottata.[89]

130. La l-fatt li, fis-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-2013, il-Qorti Ġenerali żammett l-effett tal-atti annullati sad-data ta' skadenza tal-perjodu għall-preżentata ta' appell, u lanqas il-fatt li l-Kunsill iddeċieda li ma jeżerċitax id-dritt tiegħu li jappella kontra s-sentenza, ma jistgħu jitqiesu li jikkreaw aspettattiva leġittima li l-Kunsill imbagħad joqgħod lura milli jaġġusta l-kriterji ġenerali jew milli jerġa' jinkludi l-ismijiet tal-appellanti fil-listi ta' persuni suġġetti għal miżuri tal-iffriżar tal-assi (jew fuq il-bażi tal-kriterji eżistenti jew kriterji modifikati).

86 Ara punti 110 sa 112 iktar 'il fuq.

87 Dak il-prinċipju, sanċit fl-Artikolu 49(1) tal-Karta, hu espressjoni speċifika tal-prinċipju ta' ċertezza legali fil-kuntest tal-applikazzjoni ta' sanzjonijiet kriminali.

88 Dak il-prinċipju huwa korollarju mal-prinċipju stabbilit fl-Artikolu 49 tal-Karta, li r-reati kriminali u l-penali jridu jkunu stabbiliti bil-liġi.

89 Ara punt 191 tas-sentenza appellata li tiċċita s-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2010, Kahla Thüringen vs Il-Kummissjoni, C-537/08 P, EU:C:2010:769, punt 63.

131. *A fortiori* dak hu minnu peress li l-Qorti Ġenerali espliċitament indikat, fil-punt 64 ta' dik is-sentenza, li l-Kunsill kien liberu fir-rwol leġiżlattiv tiegħu li jestendi s-sitwazzjonijiet li fihom jistgħu jiġu adottati l-miżuri restrittivi.

132. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ma kkommettiet l-ebda żball ta' liġi fis-sentenza appellata meta ċaħdet l-argument tal-aspettattivi leġittimi.

Ir-raba' parti – id-dritt għal rimedju effettiv

133. L-appellanti jissottomettu li l-Qorti Ġenerali kellha tikkonstata li l-Kunsill twaqqaf milli jerġa' jinkludihom fin-nuqqas ta' fatti ġodda jew raġunijiet ġodda li huma ġġustifikati fuq bażi oġġettiva. In-nuqqas tal-Qorti Ġenerali li tagħmel din il-konstatazzjoni kiser id-dritt tar-rimedju effettiv skont l-Artikolu 47 tal-Karta.

134. L-ewwel nett, l-argument ma tqajjimx quddiem il-Qorti Ġenerali iżda tqajjem għall-ewwel darba fl-appell. Huwa veru li l-Qorti Ġenerali semmiet dak il-prinċipju fil-punt 172 tas-sentenza appellata: madankollu, għamlet dan b'risposta għall-motiv rigward il-ksur tad-drittijiet tad-difiża. L-argument li l-appellanti qajmu hawnhekk għalhekk jikkostitwixxi motiv ġdid, li skont Artikolu 170(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti, huwa inammissibbli fl-istadju tal-appell. [90]

135. It-tieni nett, minkejja li kien jifforma parti mill-eċċezzjoni ta' illegalità, dak l-argument jistrieħ fuq iċ-ċirkustanzi relatati mal-inklużjoni mill-ġdid tal-2013. Ma nistax nara kif dawk iċ-ċirkustanzi, wara l-adozzjoni tal-kriterji tal-2013, jistgħu jaffettwaw il-legalità ta' dawk il-miżuri. Dak l-argument għalhekk għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv.

136. Finalment, nagħmel il-punt ovvju li ż-żewġ appellanti kellhom l-opportunità li jikkontestaw l-inklużjoni preċedenti u saħansitra rnexxielhom jagħmlu dan. Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-2013 annullat il-miżuri tal-iffriżar tal-assi imposti mill-Kunsill fl-2010 mis-27 ta' Novembru 2013, u b'hekk eliminat dawk il-miżuri mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni b'effett retroattiv. Jekk l-appellanti xtaqu, setgħu jinvokaw dak l-annullament bħala bażi għal talba għad-danni allegatament subiti minnhom.

137. Il-fatt li l-Kunsill iddeċieda li jadatta l-kriterji tal-inklużjoni u mbagħad applika l-kriterji modifikati fuq l-appellanti ma jaffettwax il-pożizzjoni tagħhom b'mod retroattiv. Hi għalhekk la ddgħajjef il-vantaġġ li kisbu bl-annullament u lanqas id-dritt tagħhom għal rimedju effettiv.

138. Fil-futur, l-appellanti għadhom jistgħu jistrieħu effettivament fuq id-dritt għal rimedju effettiv. Jekk jirnexxilhom f'din il-kawża preżenti, jerġgħu jiġu fil-pożizzjoni inizjali tagħhom u jkunu jistgħu, jekk jixtiequ, jiksbu kumpens għad-danni li allegatament ġew ikkawżati mill-miżuri annullati.

139. F'dan ir-rigward, l-argument tal-appellanti li jirreferi għall-allegati prospetti "illużorji" li jinkiseb kumpens sodisfaċenti, jitlef il-punt. Skont ġurisprudenza stabbilita kawża għad-danni tipprovdi aċċess ġudizzjarju, iżda mhux parti mis-sistema ta' stħarriġ ġudizzjarju. Il-fatt li tista' ma tirnexxix, b'mod partikolari jekk l-annullament tal-miżuri restrittivi illegali jkun kapaċi jikkostitwixxi forma ta' kumpens għad-danni mhux materjali mġarrba, [91] ma jfissirx li l-individwu inkwistjoni jiġi mċaħħad minn protezzjoni ġudizzjarja effettiva. [92]

90 Ara wkoll, pereżempju, is-sentenza tal-21 ta' Settembru 2010, L-Isvezja u API vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs API, C-514/07 P, C-528/07 P u C-532/07 P, EU:C:2010:541, punti 125 u 126.

91 Ara, f'dak ir-rigward, is-sentenza tat-30 ta' Mejju 2017, Safa Nicu Sepahan vs Il-Kunsill, C-45/15 P, EU:C:2017:402, punt 49.

92 Ara, pereżempju, is-sentenza ta' Reynolds Tobacco *et* vs Il-Kummissjoni, C-131/03 P, EU:C:2006:541, punti 82 sa 84.

140. Finalment, hu probabbli li l-vera oriġini tan-nuqqas ta' kuntentizza tal-appellanti ġej mill-fatt li – minkejja l-annullament iddikjarat mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza tal-2013 – baqgħu suġġetti għall-miżuri tal-iffriżar tal-assi mingħajr interruzzjoni (mill-2010). Madankollu, dik hi l-konsegwenza tal-effett ikkombinat taż-żewġ settijiet ta' miżuri restrittivi adottati mill-Kunsill (dawk inkwistjoni fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-2013 u dawk inkwistjoni fil-kawża preżenti) u tad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali fis-sentenza tal-2013 li żżomm, abbażi tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 264 TFUE, l-effetti tal-miżuri annullati. [93]

141. Li kieku ma kienx għad-deċiżjoni tal-aħħar, il-miżuri hekk annullati kieku jkunu skadew fid-data tas-sentenza ta' dak il-każ (16 ta' Settembru 2013). Minn dan isegwi li l-fatt li l-appellanti kienu suġġetti għal miżuri tal-iffriżar tal-assi bla waqfien mhux attribwibbli għall-kriterji tal-2013. Fuq kollox, l-appellanti qatt ma fittxu li jikkontestaw il-legalità ta' dak l-aspett tad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Dan jidher għalija li jiddisponi mil-argument tal-appellanti li l-Kunsill kiser id-dritt tagħhom għal rimedju ġudizzjarju effettiv.

Konklużjoni rigward it-tieni aggravju

142. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, nipproponi li t-tieni aggravju għandu jiġi miċħud parzjalment bħala infondat u parzjalment bħala inammissibbli.

It-tielet aggravju: l-adozzjoni tal-kriterji tal-2013 allegatament kienet tikkostitwixxi abbuż ta' poter

143. F'paragrafi 91 sa 95 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li bl-adozzjoni tal-kriterji tal-2013, il-Kunsill ma abbużax mill-poteri tiegħu.

144. L-appellanti jsostnu li l-Kunsill ma kellu l-ebda raġuni ġenwina biex jemenda l-kriterji tal-inklużjoni apparti biex jaffettwa lilhom personali. B'mod partikolari, jikkontestaw il-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali li meta reġgħet daħħlet il-kriterji relatati ma' IRISL eżatt wara li l-Qorti Ġenerali kienet qieset fis-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-2013 li ma kien hemm l-ebda bażi biex tiġi elenkata IRISL, dan skont l-għanijiet tal-PESK.

145. Kif il-Qorti qieset diversi drabi, miżura hi vvizjata b'abbuż ta' poter jekk jidher, fuq bażi ta' evidenza oġġettiva, relevanti u konsistenti, li ttieħdet bl-għan esklussiv u ewlieni li tilħaq għan differenti minn dak indikat jew li tevadi l-proċedura speċifikament indikata fit-Trattat sabiex jiġu ttrattati ċ-ċirkustanzi tal-każ. [94]

146. Fil-kawża preżenti, hu ċar li l-għan tal-Kunsill meta adotta l-kriterji tal-2013 kien li jestendi l-kriterji preeżistenti tal-inklużjoni biex jimmira għal kategoriji oħra ta' persuni jew entitajiet biex jilħaq l-għan usa' li jagħmel pressjoni fuq l-Iran u jisfurzah jittermina l-attivitajiet nukleari sensittivi għall-proliferazzjoni u l-iżvilupp tas-sistemi ta' kunsinna ta' armi nukleari. Dak l-għan hu kompletament konformi mal-għanijiet usa' tat-Trattat tal-UE rigward ir-relazzjonijiet tal-UE mal-bqija tad-dinja u l-PESK. [95]

147. Għalhekk, il-fatt li l-Kunsill adatta kriterji ġeneralment applikabbli biex ikun jista' jimmira għal grupp speċifiku ta' entitajiet bil-ħsieb li jikseb l-għanijiet b'mod iktar effettiv minnu nnifsu mhux illegali.

93 Ara paragrafi 80 sa 83 tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-2013.

94 Sentenza tal-15 ta' Mejju 2008, *Spanja* vs *Il-Kunsill*, C-442/04, EU:C:2008:276, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata.

95 Ara punti 67 u 68 iktar 'il fuq.

148. L-appellanti naqsu milli jipproduċu kwalunkwe prova li turi li l-għan esklussiv jew tal-inqas predominanti mfittex mill-Kunsill meta adotta l-kriterji tal-2013 ma kienx kif iddikjaraw hawn fuq.

149. Jekk il-Kunsill pprovdiex motivi suffiċjenti għall-kriterji tal-2013 u jekk humiex xierqa biex jintlaħaq l-għan mistenni huma mistoqsijiet separati li ma' għandhom l-ebda relazzjoni mal-konklużjonijiet tiegħu rigward l-allegat abbuż ta' poter. [96]

150. Nikkonkludi li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta kkunsidrat li l-Kunsill ma kkommettiex abbuż ta' poter.

Ir-raba' aggravju: l-istabbiliment tal-kriterji għall-inklużjoni allegatament kisru d-drittijiet tad-difiża tal-appellanti

151. Fil-punti 96 sa 99 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-Kunsill ma kisirx id-drittijiet tad-difiża tal-appellanti meta adotta l-kriterji tal-2013.

152. L-appellanti jargumentaw li peress li l-kriterju relatat ma' IRISL espressament semma lil IRISL u għalhekk kien kriterju *ad hominem* fir-rigward ta' dawn tal-aħħar, il-Kunsill kellu l-obbligu li jinfurmahom bl-emenda li kien intiż jagħmel. Billi naqset milli tagħmel konstatazzjoni f'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi.

153. Artikolu 41(2)(a) tal-Karta jipprovdi li kull persuna għandha d-dritt għal smigħ qabel tittieħed kwalunkwe miżura individwali li tista' taffettwa lilu jew lilha b'mod negattiv. Għalhekk, hu ċar li dik id-dispożizzjoni tirrigwarda biss miżuri individwali.

154. Il-Qorti qieset li l-ġurisprudenza fuq id-dritt għas-smigħ ma tistax tiġi trasposta fil-kuntest tal-proċess leġiżlattiv li jwassal għall-adozzjoni ta' liġijiet ġenerali li jinvolvu għażla ta' politika ekonomika u tapplika għall-operaturi kollha kkonċernati. [97] Madankollu, f'każ ta' atti ta' applikazzjoni ġenerali li jipprevedu miżuri individwali tal-iffriżar tal-assi bħala parti mill-PESK (li huma għalhekk atti ta' natura doppja li, filwaqt li għandhom applikazzjoni ġenerali, huma ta' interess dirett u individwali għall-persuni kkonċernati minn dawk il-miżuri), [98] il-Qorti qieset li d-dritt għas-smigħ ta' persuna kkonċernata mill-miżuri tal-iffriżar tal-assi japplika bis-sħiħ biex ikollha l-opportunità effettiva li tinvoka l-opinjoni tagħha fuq l-evidenza mressqa kontriha. [99]

155. Huwa paċifiku li l-10 kumpanniji ma humiex individwalment kkonċernati mill-kriterju relatat ma' IRISL. Il-kriterji tal-2013 huma atti ta' applikazzjoni ġenerali, applikabbli għal kategorija ta' persuni u entitajiet li huma ddefiniti f'termini objettivi u astratti, fatt li dawk l-appellanti ma humiex jikkontestaw.

156. Għalkemm IRISL hi espressament imsemmija fil-miżuri inkwistjoni, m'iniex konvinta li jirnexxilha tistabbilixxi li hi direttament u individwalment ikkonċernata minnhom, wisq inqas għaliex IRISL ma tressaq l-ebda argument speċifiku biex turi b'liema mod dawk il-miżuri jaffettwaw is-sitwazzjoni tagħha.

96 Eżaminajt dawk il-mistoqsijiet taħt l-ewwel aggravju (ara punt 72 *et seq.*).

97 Sentenza tal-14 ta' Ottubru 1999, Atlanta vs Il-Komunità Ewropea, C-104/97 P, EU:C:1999:498, punti 34 sa 38.

98 Ara s-sentenza tat-23 ta' April 2013, Gbagbo *et* vs Il-Kunsill, C-478/11 P sa C-482/11 P, EU:C:2013:258, punt 56.

99 Ara, f'dak ir-rigward, is-sentenza tat-3 ta' Settembru 2008, Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u l-Kummissjoni, C-402/05 P u C-415/05 P, EU:C:2008:461, punt 336.

157. Anki jekk jirnexxilha tagħmel dan, dan ma jgħinx il-każ tagħha, għaliex l-eċċezzjoni ta' illegalità tagħha mbagħad tiġi miċħuda bħala attentat inammissibbli biex tevita t-termini indikati fl-Artikolu 263(6) TFUE. [100]

158. Jekk il-Qorti Ġenerali tonqos milli tiddiskuti dik l-aħħar possibbiltà, dan in-nuqqas ma għandux jaffettwa l-eżitu tal-kawża u b'hekk iwassal għall-annullament tas-sentenza appellata. Għalhekk nissuġġerixxi li l-Qorti tiċħad r-raba' aggravju bħala inammissibbli jew fi kwalunkwe każ, bħala infondat.

Il-ħames aggravju: l-adozzjoni tal-kriterji tal-2013 allegatament interferew b'mod sproporzjonat mad-drittijiet fundamentali tal-appellanti

159. Fil-paragrafi 100 sa 105 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qieset li l-kriterji tal-2013 ma jikkostitwixxux interferenza sproporzjonata mad-drittijiet fundamentali tal-appellanti.

160. L-appellanti jidhru li qegħdin isostnu li, sa fejn il-kriterji tal-2013 ma jippreżumux l-eżistenza ta' rabta bejn il-persuni inklużi u l-programm ta' proliferazzjoni nukleari, dawn huma sproporzjonati. Peress li kkawżaw danni għar-reputazzjoni u n-negozju tal-appellanti, dawk il-kriterji kkostitwixxew restrizzjoni sproporzjonata tad-drittijiet fundamentali tagħhom.

161. Fil-kuntest ta' miżuri restrittivi, l-Artikolu 52(1) tal-Karta jipprovdi limitazzjonijiet għall-eżerċizzju tad-drittijiet stabbiliti fil-Karta, suġġett għall-kundizzjonijiet li l-limitazzjoni kkonċernata tirrispetta l-essenza tad-dritt fundamentali inkwistjoni, u suġġett għall-prinċipju ta' proporzjonalità, li hu neċessarju u jilħaq l-għanijiet ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-UE b'mod ġenwin. [101]

162. F'dan il-każ, l-appellanti ma identifikawx preċiżament id-drittijiet fundamentali li fuqhom qegħdin jibbażaw u ma speċifikawx il-mod kif dawk id-drittijiet ġew allegatament limitati jew inkella miksura.

163. L-unika allegazzjoni suffiċjentement preċiża tidher li hi dik li permezz tagħha l-appellanti speċifikament ikkontestaw l-evalwazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali fis-sens li l-kriterji inkwistjoni huma distinti mill-kriterju relatat mal-għoti ta' għajnuna għall-programm ta' proliferazzjoni nukleari u, għalhekk, ma jeħtiġux li l-Kunsill jistabbilixxi rabta bejn l-attivitajiet tal-persuna jew entità suġġetta għall-miżuri tal-iffriżar tal-assi u l-proliferazzjoni nukleari. [102]

164. Diġà kkonkludejt li, bħala kwistjoni ta' prinċipju, mhux manifestament xieraq li l-Kunsill jistabbilixxi kriterji bbażati fuq ċirkustanzi jew fatti oġġettivi minflok l-imġiba individwali ta' persuni u entitajiet li se jiġu suġġetti għall-miżuri tal-iffriżar tal-assi.. [103]

165. Jekk il-Qorti taqbel miegħi li l-kriterji huma xierqa għall-objettivi mixtieqa, ma hemm xejn fil-materjal quddiem il-Qorti li jissuġġerixxi li jistgħu jaffettwaw id-drittijiet fundamentali tal-appellanti b'mod sproporzjonat.

100 Ara, f'dak ir-rigward, is-sentenza tas-16 ta' April 2015, TMK Europe, C-143/14, EU:C:2015:236, punt 18. Skont ġurisprudenza stabbilita, l-Artikolu 277 TFUE jesprimi prinċipju ġenerali li jagħti lil kwalunkwe parti fil-proċeduri d-dritt li tikkontesta b'mod inċidentali, għall-għan li jinkiseb l-annullament ta' deċiżjoni diretta lejha, il-validità ta' atti li jiffurmaw il-bażi legali ta' tali deċiżjoni, jekk dik il-parti ma kinitx intitolata taħt Artikolu 263(4) TFUE li tressaq rikors dirett li jikkontesta dawk l-atti (sentenza tas-6 ta' Marzu 1979, Simmenthal vs Il-Kummissjoni, 92/78, EU:C:1979:53, punt 39). Minn meta IRISL ressqet l-appell tagħha għall-annullament quddiem il-Qorti Ġenerali fis-7 ta' Frar 2014, jiġifieri, tliet xhur u 26 ġurnata wara li l-kriterji tal-2013 kienu ppublikati fil-Ġurnal Uffiċjali, kien ikun tardiv li jiġu kkontestati dawk il-kriterji f'dik l-applikazzjoni.

101 Ara, f'dak ir-rigward, Kala Naft, punt 69.

102 Ara paragrafi 101 u 102 tas-sentenza appellata.

103 Għal kunsiderazzjonijiet ġenerali f'dak ir-rigward, ara punt 71 *et seq.* iktar 'il fuq. Il-punt 78 iktar 'il fuq jeżamina dik il-mistoqsija b'mod iktar speċifiku fir-rigward tal-kriterju ta' qabel, filwaqt li l-punti 82 u 83 iktar 'il fuq fir-rigward ta' dan tal-aħħar.

166. Preċiżament minħabba li l-kriterji tal-2013 ma jimplikaw l-ebda involviment dirett jew indirett tal-appellanti fil-proliferazzjoni nukleari, dawn x'aktarx ma jkunux personalment assoċjati ma' mġiba li hi ta' riskju għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali. B'konsegwenza ta' dan, kwalunkwe nuqqas ta' fiduċja lejn l-appellanti u għalhekk telf tar-reputazzjoni x'aktarx li jkun inqas mill-każ ta' individwi jew entitajiet li huma identifikati ċarament li jappoġġjaw dak il-programm. Peress li l-Qorti diġà rrikonoxxiet fil-prinċipju li d-danni għar-reputazzjoni u r-restrizzjonijiet fuq il-libertà li wieħed jeżerċita attività ekonomika u d-dritt għall-proprjetà ta' tali persuni u entitajiet ikkawżati mill-miżuri tal-iffriżar tal-assi ma humiex sproporzjonati għall-għanijiet mistennija, l-argument tal-appellanti għandu jiġi miċħud.[104]

167. Għall-bqija, jien tal-opinjoni li l-argument tal-appellanti ma jilħaqx il-limitu neċessarju ta' ċarezza u ġustifikazzjoni suffiċjenti, kif meħtieġ mill-ġurisprudenza.[105]

168. Għalhekk nissuġġerixxi li l-Qorti għandha tiċħad il-ħames aggravju bħala inammissibbli u fi kwalunkwe każ, infondat.

Konklużjoni rigward tal-ewwel motiv tal-appell

169. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nissuġġerixxi li l-ewwel motiv tal-appell għandu jintlaqa' sa fejn jikkonċerna l-kriterju relatat ma' IRISL. Billi ma ddeċidietx f'dak is-sens, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi. It-tfakkira tal-ewwel aggravju għandha tiġi miċħuda.

170. Konsegwentement, il-Qorti għandha (i) tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Frar 2017 fil-Kawżi Magħquda T-14/14 u T-87/14 f'dak ir-rigward, (ii) tiddikjara li l-kriterju relatat ma' IRISL mhux validu u (iii) tannulla l-inklużjoni mill-ġdid tal-2013 sa fejn hu bbażat fuq dak il-kriterju.

It-tieni motiv tal-appell: l-annullament tal-inklużjoni mill-ġdid tal-2013

L-ewwel aggravju: żbalji manifesti ta' evalwazzjoni meta qieset li ġew sodisfatti l-kriterji tal-inklużjoni

171. Wara eżami ddettaljat (punti 109 sa 165 tas-sentenza appellata), il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Kunsill ma kienx wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni meta inkluda l-ismijiet tal-appellanti fil-listi inkwistjoni permezz tal-adozzjoni tal-inklużjoni mill-ġdid tal-2013.

172. Permezz tal-ewwel aggravju tagħhom, l-appellanti jsostnu li, permezz tal-inklużjoni mill-ġdid tal-2013, il-Kunsill issuġġettahom għal miżuri tal-iffriżar tal-assi mingħajr ma vverifika jekk kinux involuti fil-programm ta' proliferazzjoni nukleari jew jekk huma stess kinux jirrappreżentaw "theddida preżenti jew futura" f'dak il-programm. L-appellanti jikkontestaw li għandhom xi rabtiet ma' dak il-programm u jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali talli wettqet diversi żbalji fil-konstatazzjoni tal-fatti tagħha. F'dak ir-rigward, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali naqset milli tevalwa b'mod korrett il-valur probatorju tad-dikjarazzjoni tax-xhieda li jakkumpanjaw ir-rikors quddiem dik il-qorti. Ikomplu jsostnu li l-inklużjoni mill-ġdid ta' IRISL hu illegali peress illi, fl-assenza ta' fatti ġodda, hu bbażat fuq l-istess fatti li bbaża fuqhom il-Kunsill biex elenkahom fl-2010. L-imġiba attribwita lil IRISL ma kinitx riċenti biżżejjed biex tiġġustifika li tiġi inkluża.

173. Ma jien konvinta minn l-ebda minn dawn l-argumenti.

104 Ara, fir-rigward tar-reputazzjoni, is-sentenza tas-7 ta' April 2016, Central Bank of Iran vs Il-Kunsill, C-266/15 P, EU:C:2016:208, punti 53 u 54; u fir-rigward tal-attività tan-negozju, is-sentenza tat-12 ta' Mejju 2016, Bank of Industry u Mine vs Il-Kunsill, C-358/15 P, mhux ippublikata, EU:C:2016:338, punti 55 sa 57.

105 Ara punt 50 iktar 'il fuq.

174. L-ewwel nett, il-Qorti kkunsidrat fil-kuntest ta' kriterju ta' "li tkun proprjetà ta' jew ikkontrollat" li r-raġuni għall-adozzjoni tal-miżura tal-iffriżar tal-assi "ma għandiex għalfejn tkun li l-entità proprjetà ta' jew kontrollata hi nnifisha involuta fil-proliferazzjoni nukleari" u li għalhekk, tali kriterju jimplika li l-Kunsill jista' "jiffriża l-assi ta' tali entità mingħajr ma jiddetermina jekk hija hux involuta fil-proliferazzjoni nukleari". [106]

175. Dik il-ġurisprudenza hi faċilment transponibbli għal kriterji oħra bbażati fuq ċirkustanzi oġġettivi, iktar milli fuq l-imġiba individwali tal-persuni jew entitajiet suġġetti għal miżuri restrittivi. Minn dan isegwi li l-Qorti Ġenerali ma kkommettiet l-ebda żball ta' liġi.

176. It-tieni nett, sa fejn l-appellanti jallegaw, b'mod partikolari, li qatt ma taw appoġġ għall-programm ta' proliferazzjoni nukleari, huma nfatti qegħdin ifittxu li ssir evalwazzjoni mill-ġdid tal-fatti mingħajr ma jsostnu li l-Qorti Ġenerali żnaturat il-provi li għandha quddiemha.

177. Il-Qorti b'mod konsistenti sostniet li l-Qorti Ġenerali għandha kompetenzi esklużivi li ssib il-fatti apparti meta l-ineżattezza materjali tal-konstatazzjonijiet tagħha tkun ċara mid-dokumenti li tressqu quddiemha u li tevalwa dawk il-fatti. Apparti fejn dik il-qorti tkun żnaturat l-evidenza ppreżentata quddiemha, l-evidenza tal-fatti għalhekk ma tikkostitwixxix kwistjoni ta' dritt li hu suġġett għal tali eżami mill-ġdid mill-Qorti tal-Ġustizzja. [107] Dak l-argument għalhekk irid jiġi miċħud bħala inammissibbli.

178. It-tielet nett, sa fejn l-appellanti ma jaqblux fuq il-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali rigward il-valur probatorju tad-dikjarazzjonijiet ta' ċertu xhieda, hu ċar mill-ġurisprudenza tal-Qorti li allegat ksur tar-regoli tal-provi hija kwistjoni ta' liġi, li hi inammissibbli f'appell. [108]

179. Il-Qorti Ġenerali kkunsidrat il-fatt li dawk id-dikjarazzjonijiet kienu magħmula minn individwi impjegati minn IRISL li kellhom karigi maniġerjali. Ikkunsidrat li x-xhieda ta' dawk il-persuni kellha għalhekk tiġi mqabbla mad-dikjarazzjonijiet ta' IRISL innifisha, speċjalment ikkunsidrat il-fatt li dawk id-dikjarazzjonijiet kienu saru fuq talba ta' IRISL b'konnessjoni mar-rikors tagħha quddiem dik il-qorti u indirizzati għal dak l-għan għal dan tal-aħħar.

180. B'hekk, il-Qorti Ġenerali korrettament applikat il-ġurisprudenza li tirrikjedi li l-probabbiltà u l-verità tal-verżjoni li jikkontjeni dokument għandha tiġi vverifikata billi tiġi kkunsidrata, *inter alia*, il-persuna mingħand min ġie d-dokument, iċ-ċirkustanzi li ġew fis-seħħ, il-persuna lil min kien indirizzat u jekk, mal-ewwel daqqa ta' għajn, l-evidenza sottomessa tidhirx tajba u ta' min jafdaha. [109] L-argument tal-appellanti għalhekk għandu jiġi miċħud bħala infondat.

181. Ir-raba' nett, l-appellanti ġustament josservaw, li l-aggravji wara l-inklużjoni mill-ġdid tal-2013 jidhru li huma, essenzjalment, identiċi għal dawk li bbaża fuqhom il-Kunsill biex elenka lill-appellanti fl-2010.

182. Dak il-fatt però huwa irrilevanti. Ma nista' naħseb fl-ebda dispożizzjoni tad-dritt tal-UE li tista' tipprekludi lill-Kunsill, bħala prinċipju, milli jibbaża fuq l-istess fatti li bbaża fuqhom għall-għan tal-inklużjoni inizjali meta ddeċieda li jżomm dawk il-miżuri restrittivi. Il-Kunsill ma għandux għalfejn jippreżenta fatti ġodda sakemm il-fatti li fuqhom tkun bbażata l-inklużjoni inizjali huma rilevanti u biżżejjed biex dik il-parti kkonċernata tinżamm fuq il-lista. [110]

106 Ara Melli Bank, paragrafi 40 u 41 (enfasi miżjuda).

107 Ara s-sentenza tal-5 ta' Marzu 2015, *Ezz et* vs *Il-Kunsill*, C-220/14 P, EU:C:2015:147, punt 77.

108 Ara, inter alia, is-sentenza f'*Bertelsmann u Sony Corporation of America* vs *Impala* C-413/06 P, EU:C:2008:392, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata.

109 Ara s-sentenza tas-26 ta' Settembru 2013, Centrotherm Systemtechnik vs UASI u centrotherm Clean Solutions, C-610/11 P, EU:C:2013:593, punt 39.

110 Skont iċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ, il-Kunsill jista' xi kultant, iżda mhux neċessarjament dejjem, ikun rikjest jipproduċi provi ġodda. Ara, f'dak ir-rigward, is-sentenza tas-26 ta' Lulju 2017, Il-Kunsill vs LTTE, C-599/14 P, EU:C:2017:583, punti 52 sa 54.

183. Il-miżuri restrittivi li l-Kunsill japplika biex jindirizza r-riskju tat-terroriżmu internazzjonali jew sitwazzjonijiet speċifiċi f'pajjiżi terzi differenti huma ġeneralment suġġetti għal proċedura ta' eżami mill-ġdid regolari. Jekk il-Kunsill ma seta' qatt ikompli jistrieħ fuq l-istess fatti bħal qabel biex iżomm inklużjoni partikolari, ma jkunx jista', f'numru kbir ta' każijiet, ikompli jelenka l-persuni u entitajiet ikkonċernati.

184. Jekk l-inklużjoni tal-2013 kienx legali jiddependi fuq jekk il-fatti li bbaża fuqhom il-Kunsill għall-għan ta' dawk il-listi kinux stabbiliti sal-livell neċessarju u jekk kinux jissodisfaw il-kriterji oġġettivi previsti fil-kriterji tal-2013.

185. Kien għalhekk mingħajr ma twettaq żball ta' liġi li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat li d-definizzjoni stess tal-kriterju ta' ksur tar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tippresupponi li l-inklużjoni mill-ġdid kellu bilfors ikun ibbażat fuq imġiba li tiġi qabel id-data tal-inklużjoni mill-ġdid.[111] Il-Qorti Ġenerali lanqas ma wettqet żball ta' dritt meta eżaminat, l-ewwel, jekk IRISL kinitx tabilħaqq kisret r-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà 1747 (2007)[112] u t-tieni, jekk l-appellanti l-oħra kinux proprjetà ta' jew kontrollati minn IRISL, aġixxewx f'isimha jew pprovdewlhiex servizzi essenzjali.[113]

186. Il-ħames nett, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' dritt meta kkunsidrat li għall-għan tal-inklużjoni mill-ġdid tal-2013, il-Kunsill kien intitolat li jibbaża fuq avvenimenti li kienu seħħew erba' snin qabel, jiġifieri fl-2009, peress li kienu sufficentement riċenti.[114]

187. Nikkonkludi li l-ewwel motiv għandu jiġi miċħud.

It-tieni aggravju: ksur tad-drittijiet ta' difiża tal-appellanti fil-proċedura użata biex jerġgħu jiġu elenkati

188. F'punti 166 sa 181 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-Kunsill ma kisirx id-drittijiet ta' difiża tal-appellanti fil-proċedura ta' qabel l-adozzjoni tal-inklużjoni mill-ġdid tal-2013.

189. Fit-tieni aggravju, l-appellanti jargumentaw li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' dritt meta naqset milli tqis li l-Kunsill kien kiser id-dritt ta' smigħ tagħhom qabel adotta l-inklużjoni mill-ġdid tal-2013. Il-Kunsill ma setax konċepibbilment jikkunsidra dawk l-osservazzjonijiet peress li kien iddeċieda li jerġa' jinkludi lil IRISL ħafna qabel adotta l-kriterji tal-2013 u qabel kien irċieva l-osservazzjonijiet ta' din tal-aħħar rigward l-ittra tal-Kunsill fejn informa lil IRISL bl-intenzjoni tiegħu li jerġa' jinkludiha. Il-Kunsill kien anki adotta l-inklużjoni mill-ġdid tal-2013 qabel irrisponda għall-osservazzjonijiet tal-appellanti u qabel ipprovdihom bid-dokumenti li jiġġustifikaw dawk il-miżuri.

190. L-ewwel nett, il-mument rilevanti għall-evalwazzjoni ta' jekk il-Kunsill irrispettax id-dritt ta' smigħ tal-appellanti hu d-data tal-adozzjoni tal-inklużjoni mill-ġdid tal-2013. L-argument tal-appellanti jirreferi għal mument ipotetiku fejn il-Kunsill allegatament "iddeċieda" li se jadotta l-kriterji tal-2013 u li l-inklużjoni mill-ġdid tal-2013 hija bbażata fuq asserzjonijiet bla bażi u għalhekk għandu jiġi miċħud.

191. It-tieni nett, isegwi mill-ġurisprudenza li meta jadotta att li jimponi miżuri restrittivi kontra persuna jew entità, il-Kunsill hu marbut li jikkomunika l-motivi li fuqhom huma bbażati dawk il-miżuri kemm jista' jkun jew meta dik il-miżura tiġi adottata, jew, tal-inqas, malajr kemm jista' jkun wara li tkun ġiet adottata biex tippermetti lil dawk il-persuni jew entitajiet jeżerċitaw id-dritt tagħhom

111 Ara l-punt 117 tas-sentenza appellata.

112 Ara l-punti 116 sa 132 tas-sentenza appellatta.

113 Ara l-punti 135 sa 164 tas-sentenza appellata.

114 Ara l-punt 117 tas-sentenza appellata. Ara, f'dak ir-rigward, is-sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, Il-Kummissjoni *et* vs Kadi, C-584/10 P, C-593/10 P u C-595/10 P, EU:C:2013:518, punt 156.

għal azzjoni legali.[115] B'mod partikolari, fil-kuntest tal-adozzjoni ta' deċiżjoni biex jinżamm l-isem ta' persuna jew entità fuq lista ta' persuni jew entitajiet suġġetti għal miżuri restrittivi, il-Kunsill irid jirrispetta d-dritt ta' dik il-persuna jew entità li tinstema' qabel jekk dik l-istituzzjoni qiegħda tinkludi f'dik id-deċiżjoni evidenza ġdida kontra dik il-persuna jew entità, jiġifieri evidenza li ma kinitx inkluża fid-deċiżjoni ewlenija fuq l-inklużjoni.[116]

192. Il-Qorti Ġenerali vverifikat, billi analizzat il-kontenut tal-iskambju ta' ittri bejn il-Kunsill u l-appellanti, li dak tal-ewwel ibbaża fuq motivi essenzjalment identiċi għal dawk ikkomunikati lill-appellanti fir-rigward tal-inklużjoni inizjali fl-2010 u li l-komunikazzjoni kienet tissodisfa r-rekwiżiti li jirriżultaw mill-ġurisprudenza li tippreċedi l-adozzjoni tal-inklużjoni mill-ġdid tal-2013.[117]

193. Finalment, għall-kuntrarju tas-sottomissjonijiet tal-appellanti, il-Kunsill ma huwiex obbligat li jirrispondi għall-osservazzjonijiet tal-persuna kkonċernata qabel l-adozzjoni tal-miżuri tal-iffriżar tal-assi, rigward l-ittra tal-Kunsill li jinforma lil dik il-parti bl-intenzjoni tiegħu li jelenka lil dik il-parti u fejn jikkomunika l-motivi proposti għall-inklużjoni ta' dan tal-aħħar.

194. Nikkonkludi li t-tieni aggravju għandu jiġi miċħud.

It-tielet aggravju: ksur tal-prinċipji ta' res judicata, ta' ċertezza legali, ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u ta' ne bis in idem kif ukoll tad-dritt għal rimedju effettiv

195. Fil-punti 183 sa 199 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li billi adotta l-inklużjoni mill-ġdid tal-2013, il-Kunsill ma kisirx il-prinċipji ta' *res judicata*, ta' ċertezza legali, protezzjoni tal-aspettativi leġittimi u ta' *ne bis in idem* jew id-dritt tal-appellanti għal rimedju effettiv.

196. Insostenn ta' dan l-aggravju, l-appellanti ressqu argument wieħed biss. Isostnu li billi bbaża, għall-iskop tal-inklużjoni mill-ġdid tal-2013, fuq l-istess fatti bħal dawk li servew bħala l-bażi tal-inklużjoni tal-2010, annullata mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-2013, il-Kunsill aġixxa bi ksur ta' dawk il-prinċipji.

197. Il-Kunsill verament straħ fuq l-istess bażi fattwali biex jinkludi l-appellanti fl-2010 u jerġa' jinkludihomfl-2013. Barra minn hekk, filwaqt li IRISL, Irano Misr Shipping Co. u Rahbaran Omid Darya Ship Management Co. kienu inklużi fuq il-bażi ta' kriterji ġodda, l-appellanti l-oħra kienu inklużi għat-tieni darba abbażi tal-kriterju identiku għal dak li straħ fuqu fl-2010.[118]

198. Diġà kkonkludejt iktar kmieni f'dawn il-konklużjonijiet li l-prinċipju ta' *ne bis in idem* ma japplikax fil-kuntest ta' miżuri restrittivi.[119] Ikkonkludejt ukoll li l-prinċipju ta' *res judicata* ma jipprekludix lill-Kunsill milli jibbaża ruħu fuq l-istess kriterji fis-sitwazzjoni inkwistjoni[120] u li huwa inerenti fin-natura tal-kriterji tal-applikazzjoni tal-miżuri tal-iffriżar tal-assi li jistgħu jirreferu għall-imġieba jew sitwazzjoni tal-passat.[121]

115 Ara, f'dak ir-rigward, is-sentenza tas-16 ta' Novembru 2011, Bank Melli Iran vs Il-Kunsill, C-548/09 P, EU:C:2011:735, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata.

116 Ara s-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2015, Ipatau vs Il-Kunsill, C-535/14 P, EU:C:2015:407, punt 26. Għalkemm dik il-ġurisprudenza tikkonċerna l-manteniment tal-miżuri restrittivi iktar milli elenkar inizjali, hu rilevanti hawnhekk: permezz tal-elenkar mill-ġdid tal-2013, il-Kunsill ma żammx il-miżuri restrittivi li kienu jeżistu qabel, anki jekk, fir-rigward ta' tliet appellanti (IRISL, Irano Misr Shipping Co. u Rahbaran Omid Darya Ship Management Co.) għamlet dan ibbażat fuq kriterju ġdid.

117 Ara l-punti 170 sa 180 tas-sentenza appellata.

118 Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 78 iktar 'il fuq.

119 Ara punt 107 *et seq*. iktar 'il fuq.

120 Ara punt 93 *et seq*. iktar 'il fuq.

121 Ara punti 117 sa 128 iktar 'il fuq.

199. Għal raġunijiet ta' kompletezza, inżid li skont il-prinċipju *tempus regit actum*, il-kontroll ġudizzjarju mill-qrati tal-UE fuq il-legalità tal-inklużjoni mill-ġdid tal-2013 jikkonsisti fil-verifika ta' jekk il-fatti li straħ fuqhom il-Kunsill iġġustifikawx l-adozzjoni tal-inklużjoni mill-ġdid tal-2013 mis-26 ta' Novembru 2013 sal-istandard legali neċessarju. [122]

200. Il-fatt li l-Kunsill mingħajr suċċess straħ fuq ċertu fatti għall-għan tal-listi tal-2010 fis-26 ta' Lulju 2010 ma jipprekludihx milli jistrieħ legalment fuq dawk l-istess fatti fis-26 ta' Novembru 2013, bil-ħsieb li jerġa' jelenka lill-appellanti fuq il-bażi tal-kriterji tal-2013.

201. Huwa wkoll inerenti fin-natura tal-miżuri adottati fil-kuntest tal-PESK li huma suġġetti għal reviżjoni perjodika u jistgħu jiġu applikati ripetutament f'perjodi sussegwenti. Dak huwa partikolarment il-każ fejn, minkejja l-miżuri restrittivi li kienu ġew applikati, is-sitwazzjoni ġeo-politika ma tevolvix jew, xi kultant, wara titjib momentarju, tevolvi fid-direzzjoni kontra dik imfittxa.

202. Fis-sitwazzjoni preċedenti, il-Kunsill irid jitħalla jkompli japplika l-miżuri neċessarji, anki jekk is-sitwazzjoni ma tkunx inbidlet sakemm il-fatti li jiffurmaw il-bażi għala jinżammu l-miżuri restrittivi jkomplu jiġġustifikaw l-applikazzjoni tagħhom fiż-żmien tal-adozzjoni, [123] b'mod partikolari li l-fatti għadhom suffiċjentement riċenti. [124] Fis-sitwazzjoni tal-aħħar, il-Kunsill irid ikun kapaċi jerġa' jintegra l-kriterji u l-miżuri tal-iffriżar tal-assi li kienu ġew imħassra jew proviżorjament sospiżi, irrispettivament minn jekk is-sitwazzjoni personali tal-entitajiet tkunx evolviet fil-frattemp.

203. Hawnhekk, l-għan tal-inklużjoni mill-ġdid tal-2013 kien li tkompli ssir pressjoni fuq l-Iran u tabilħaqq biex tiżdied dik il-pressjoni, preċiżament għax il-miżuri applikati sa issa kienu ineffettivi.

204. Kieku l-Kunsill kien kapaċi jkompli japplika l-miżuri tal-iffriżar tal-assi għal persuni jew entitajiet diġà inklużi biss jekk is-sitwazzjoni legali jew fattwali ta' dawk ikkonċernati tkun inbidlet sostanzjalment b'mod negattiv jew jekk il-Kunsill sar jaf b'evidenza ġdida, dak jillimita l-poteri ta' dan tal-aħħar b'mod arbitrarju u mhux iġġustifikat.

205. L-inklużjonijiet tal-2010 kienu annullati minħabba difetti formali. [125] F'dak l-isfond, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-2013 moqrija, fid-dawl kemm tal-prinċipju ta' *res judicata* u tal-Artikolu 266 TFUE ma tikkostitwixxix *per se* ostaklu għall-inklużjoni mill-ġdid. [126] Kif il-Qorti Ġenerali kkunsidrat b'mod validu f'dik is-sentenza, l-annullament ta' miżura minħabba difetti formali jew proċedurali ma jippreġudika bl-ebda mod id-dritt tal-istituzzjoni li kienet l-awtriċi tal-miżura biex tiġi adottata miżura ġdida fuq il-bażi tal-istess elementi ta' liġi u ta' fatt bħal dawk li jservu bħala bażi għall-miżura annullata, sakemm din id-darba tosserva r-regoli formali u proċedurali li l-ksur tagħhom wassal għall-annullament u li l-aspettattivi leġittimi tal-persuni kkonċernati huma debitament

122 Rigward l-istandard ta' stħarriġ ġudizzjarju tal-legalità sostantiva f'dak ir-rigward, ara s-sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, Il-Kummissjoni *et* vs Kadi, C-584/10 P, C-593/10 P u C-595/10 P, EU:C:2013:518, punt 119.

123 Ara s-sentenza tal-15 ta' Novembru 2012, Al-Aqsa vs Il-Kunsill u Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Al-Aqsa, C-539/10 P u C-550/10 P, EU:C:2012:711, punt 82.

124 Ara l-ġurisprudenza ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 114 iktar 'il fuq.

125 Ara l-analiżi tiegħi tal-effetti tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-2013 fil-punti 103 sa 106 iktar 'il fuq. Is-sitwazzjoni hi għalhekk fundamentalment differenti minn dik analizzata mill-Avukat Ġenerali Tanchev fil-konklużjonijiet tiegħu f'National Iranian Tanker Company vs Il-Kunsill C-600/16 P, EU:C:2018:227, punti 96 sa 102.

126 Ara, f'dak ir-rigward, is-sentenza tat-3 ta' Settembru 2008, Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u l-Kummissjoni, C-402/05 P u C-415/05 P, EU:C:2008:461, punti 374.

protetti.[127] Deċiżjoni ta' inklużjoni mill-ġdid adottata għall-istess raġunijiet bħal dawk indikati meta l-entitajiet ikkonċernati kienu mniżżla għall-ewwel darba tista' tkun biżżejjed biex tiġġustifika dak l-inklużjoni mill-ġdid sakemm l-evidenza ppreżentata mill-Kunsill tappoġġja dawk ir-raġunijiet sal-istandard legali neċessarju.[128]

206. Ikkonkludejt iktar kmieni f'din l-Opinjoni li l-fatt li l-inklużjoni mill-ġdid jista' jwassal li jerġgħu jiddaħħlu miżuri tal-iffriżar tal-assi minkejja l-annullament tal-miżuri adottati preċedentement ma jaffettwax minnu nnifsu d-dritt tal-appellanti għal rimedju ġudizzjarju effettiv.[129]

207. Bl-istess mod, xejn ma jipprekludi lill-Kunsill milli jikkunsidra, wara eżami sħiħ konkluż f'dik id-data li ġiet wara, li l-istess fatti jilħqu kriterju differenti minn dak invokat preċedentement u għalhekk jiġġustifikaw li l-miżuri tal-iffriżar tal-assi jiġu applikati mill-ġdid fuq dik il-bażi ġdida.[130] F'dak ir-rigward, infakkar li hu biżżejjed li tal-inqas, waħda mir-raġunijiet invokati, li tkun meqjusa suffiċjenti minnha nnifisha biex tappoġġja dik id-deċiżjoni, tiġi sostanzjata.[131]

208. Għalhekk nikkonkludi li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta kkunsidrat għal dak l-għan fil-punt 189 tas-sentenza appellata. L-appellanti għalhekk ma jistax jintlaqa' l-argument tagħhom li l-inklużjoni mill-ġdid tal-2013 kien illegali għax kien adottat fuq il-bażi tal-istess kriterji u/jew l-istess ċirkustanzi fattwali u legali bħal-listi tal-2010.

209. L-argumenti l-oħra tal-appellanti huma motivi tal-appell astratti u għalhekk ma jissodisfawx ir-rekwiżit ta' ammissibbiltà.[132] Għalhekk nikkonkludi li t-tielet aggravju għandu jiġi miċħud.

Ir-raba' aggravju: ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità

210. Insostenn tal-aggravju tagħhom rigward l-allegat ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali naqset milli teżamina jekk l-inklużjoni tagħhom kinitx proporzjonata mal-oġġettivi segwiti. Jargumentaw li l-inklużjoni tagħhom mhux proporzjonat, minħabba li hu bbażat fuq kwalunkwe mġiba relatata mal-programm ta' proliferazzjoni nukleari jew kwalunkwe rabta mal-Gvern Iranjan. Jidhru wkoll li jsostnu, għal dawk ir-raġunijiet, li l-Qorti Ġenerali kienet żbaljata meta kkunsidrat fil-punt 209 tas-sentenza appellata li l-impatt fuq ir-reputazzjoni u n-negozji tagħhom ma kienx sproporzjonat.

211. Ma nsib l-ebda minn dawn l-argumenti konvinċenti.

212. Il-Qorti Ġenerali validament għamlet riferiment għall-ġurisprudenza stabbilita, li tqis li l-prinċipju ta' proporzjonalità jeħtieġ li miżuri implimentati permezz tad-dritt tal-UE għandhom ikunu xierqa biex jintlaħqu l-għanijiet leġittimi segwiti mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni u ma jmorrux lil hinn minn dak li hu neċessarju biex jintlaħqu.[133]

127 Ara, f'dak ir-rigward, is-sentenza tat-23 ta' Ottubru 2008, People's Mojahedin Organization of Iran vs Il-Kunsill, T-256/07, EU:T:2008:461, punt 75, mhux appellata) li fih il-Qorti Ġenerali rreferiet għall-konstatazzjonijiet f'punt 65 tas-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2006, Organisation des Modjahedines du peuple d'Iran vs Il-Kunsill, T-228/02, EU:T:2006:384, li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali kienet annullat l-elenkar preċedenti tal-entità kkonċernata.

128 Ara s-sentenzi tat-13 ta' Novembru 2014, Hamcho u Hamcho International vs Il-Kunsill, T-43/12, mhux ippublikata, EU:T:2014:946, punt 108, mhux appellata u tas-26 ta' Ottubru 2016, Hamcho u Hamcho International vs Il-Kunsill, T-153/15, EU:T:2016:630, punt 66, mhux appellata.

129 Ara punti 140 u 141 iktar 'il fuq.

130 Ara b'analoġija, is-sentenza tas-6 ta' Marzu 2003, Interporc vs Il-Kummissjoni, C-41/00 P, EU:C:2003:125, punt 31. Dak isegwi mill-fatt li l-att annullat hu eliminat mill-ordinament ġuridiku u l-awtur ta' dak l-att jerġa' jitpoġġa fis-sitwazzjoni inizjali bil-għan li jiġi adottat att ieħor floku.

131 Ara s-sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, Il-Kummissjoni *et* vs Kadi, C-584/10 P, C-593/10 P u C-595/10 P, EU:C:2013:518, punt 119. Ara wkoll is-sentenza tal-14 ta' Marzu 2017, Bank Tejarat vs Il-Kunsill, T-346/15, mhux ippublikata, EU:T:2017:164, punt 38.

132 Ara punt 50 iktar 'il fuq.

133 Ara s-sentenza tal-15 ta' Novembru 2012, Al-Aqsa vs Il-Kunsill u Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Al-Aqsa, C-539/10 P u C-550/10 P, EU:C:2012:711, punt 122.

213. Meta tiġi skrutinizzata l-proporzjonalità tal-miżuri tal-iffriżar tal-assi, hu importanti li jitqies l-oġġettiv tagħhom u l-kuntest li fih ikunu ġew adottati.

214. Iddiskutejt l-għanijiet tal-miżuri hawnhekk inkwistjoni iktar kmieni f'dawn il-konklużjonijiet.[134]

215. Sa fejn jirrigwarda l-kuntest tagħhom, dawk il-miżuri huma parti mir-risposta tal-UE għal numru ta' rapport tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika u n-numru kbir ta' riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà. Dawn kienu adottati b'mod progressiv. Kull miżura sussegwenti ġiet iġġustifikata b'riferiment għan-nuqqas ta' suċċess tal-miżuri adottati preċedentement. Minn dak l-approċċ, li hu bbażat fuq il-progressività ta' ksur tad-drittijiet skont l-effettività tal-miżuri, isegwi li l-proporzjonalità ta' dawk il-miżuri hi, fil-prinċipju, stabbilita.[135]

216. Iktar kmieni ddiskutejt ukoll f'din l-Opinjoni l-effetti tal-miżuri fuq ir-reputazzjoni u l-attivitajiet tan-negozju tal-appellanti.[136]

217. Għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu l-appellanti, il-Qorti Ġenerali eżaminat kull wieħed minn dawk l-elementi b'mod estensiv.[137]

218. L-appellanti ma ressqu l-ebda argument li kapaċi jistabbilixxi li, fuq il-bażi tas-sitwazzjoni jew ċirkustanzi partikolari, il-miżuri tal-iffriżar tal-assi inkwistjoni affettwawhom b'mod sproporzjonat u li għalhekk il-ġurisprudenza ċċitata f'punt 215 hawn fuq għandha tiġi distinta u ma tiġix applikata għalihom.

219. Finalment, diġà kkonkludejt f'din l-Opinjoni li hu legali li l-Kunsill jistabbilixxi kriterji tal-inklużjoni li ma jitolbu l-ebda rabta diretta bejn l-appellanti u l-programm ta' proliferazzjoni nukleari jew il-Gvern Iranjan.[138] Meta jiġu applikati tali kriterji, il-Kunsill għalhekk skont id-definizzjoni, ma kienx rikjest li jivverifika jekk il-persuna jew entità kkonċernata hi nnifisha kkontribwixxietx għar-riskji li dawk il-kriterji għandhom l-għan li jindirizzaw.[139] Il-Qorti Ġenerali għalhekk ma tistax tiġi kkritikata talli llimitat l-evalwazzjoni tal-legalità tal-inklużjoni mill-ġdid tal-2013 għat-test oġġettiv ta' jekk l-appellanti laħqux il-kriterji relevanti.

220. Nikkonkludi li r-raba' aggravju għandu jiġi miċħud.

221. Konsegwentement, it-tieni motiv tal-appell għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

Spejjeż

222. Minn dan kollu jsegwi li jien nikkunsidra li l-Qorti għandha tilqa' l-ewwel motiv tal-appell fir-rigward tal-kriterju relatat ma' IRISL previst fil-kriterji tal-2013. Għaldaqstant, l-inklużjoni mill-ġdid tal-2013 għandha tiġi annullata fir-rigward tal-10 kumpanniji kkonċernati.

134 Ara punti 67 u 68 iktar 'il fuq.

135 Ara Kala Naft, punt 126.

136 Ara punt 159 *et seq*. iktar 'il fuq.

137 Fir-rigward tal-kuntest tal-miżuri, ara l-punti 63, 66 u 67 tas-sentenza appellata; fir-rigward tal-għanijiet imfittxija mill-miżuri inkwistjoni, ara l-punti 68 sa 71 u 74 sa 76; rigward il-prinċpju ta' proporzjonalità inġenerali, ara l-punti 72, 73 u 77; u, finalment, rigward l-allegat impatt sproporzjonat tal-miżuri inkwistjoni fuq il-propjetà u n-negozju tal-appellanti, ara l-punti 204 sa 210 tas-sentenza appellata.

138 Ara punti 174 u 175 iktar 'il fuq.

139 Ara, f'dak ir-rigward, b'analoġija, Melli Bank, punti 77 sa 80, fejn il-Qorti enfasizzat li billi pproċediet b'eżami ieħor ta' 'jekk kinitx teżisti probabbiltà li [l-entità li tilħaq it-test ta' propjetà] tista' titwassal li tevadi l-miżuri adottati kontra l-entità omm tagħha', il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi.

223. IRISL innifisha hi għalhekk parti telliefa fil-kuntest ta' Artikolu 138(1) tar-Regoli ta' Proċeduri tal-Qorti tal-Ġustizzju moqri flimkien mal-Artikolu 184(1) tal-istess Regoli ta' Proċedura u għalhekk trid tiġi ordnata tħallas l-ispejjeż tagħha. L-appellanti l-oħra huma l-partijiet rebbieħa fil-kuntest ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

224. Il-Kunsill rebaħ fir-rigward ta' IRISL, iżda ma rnexxilux jirbaħ fir-rigward tal-10 kumpanniji l-oħra. Nissuġġerixxi li, insegwitu għall-Artikolu 138(1) u (3) moqri flimkien mal-Artikolu 184(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kunsill għandu jiġi ordnat iħallas l-ispejjeż tiegħu apparti l-ispejjeż tal-10 kumpanniji.

225. Skont l-Artikolu 140(1) moqri flimkien mal-Artikolu 184(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni, li interveniet insostenn tal-Kunsill għandha tħallas l-ispejjeż tagħha.

Konklużjoni

226. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, nipproponi li l-Qorti għandha:

– tilqa' l-ewwel motiv tal-appell fir-rigward tal-kriterju li jagħmel riferiment għal persuni u entitajiet (i) proprjetà ta' jew ikkontrollati minn IRISL, (ii) li jaġixxu f'isem IRISL, jew (iii) li jipprovdu servizzi essenzjali lil IRISL, kif previst f'Artikoli 20(1)(b) tad-Deċiżjoni 2010/413 u 23(2)(e) tar-Regolament Nru 267/2012;

– tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Frar 2017 fil-Kawżi Magħquda T-14/14 u T-87/14 f'dak ir-rigward;

– tiddikjara dak il-kriterju invalidu;

– tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/685/PESK tas-26 ta' Novembru 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1203/2013 tas-26 ta' Novembru 2013 li jimplimenta r-Regolament Nru 267/2012 sa fejn huma kkonċernati l-appellanti l-oħra apparti l-Islamic Republic of Iran Shipping Lines;

– tiċħad ir-rikors tal-appell bħala infondat;

– tordna lill-Islamic Republic of Iran Shipping Lines li tħallas l-ispejjeż tagħha;

– tordna lill-Kunsill li jħallas l-ispejjeż tiegħu u dawk tal-appellanti l-oħra apparti l-Islamic Republic of Iran Shipping Lines; u

– tordna lill-Kummissjoni li tħallas l-ispejjeż tagħha.